ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali *
4 ta' Lulju 2006

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Werrej

Prezz: 22 EUR

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE.

MT

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU L 181.

II

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Marzu 2006

li temenda d-Deċiżjonijiet 2001/507 u 2001/509 bil-ħsieb li r-Regolamenti 109 u 108 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) dwar tajers b'wiċċ ġdid isiru obbligatorji

(2006/443/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb ta' l-adeżjoni mill-Komunità Ewropea għall-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu mqiegħda u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għal rikonoxximent reċiproku ta' approvazzjonijiet mogħtija fuq bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut 1958") [1], u b'mod partikolari Artikolu 3(3), it-tieni inċiż ta' Artikolu 4(2) u Artikolu 4(4) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew [2],

Billi:

(1) Ir-Regolamenti 109 u 108 tan-UN/ECE wasslu għall-armonija fir-rekwiżiti għat-tajers b'wiċċ ġdid u għal-livell għoli ta' sigurtà u protezzjoni ta' l-ambjent. Huma ppermettew ħelsien fiċ-ċirkolazzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid.

(2) Bid-Deċiżjoni 97/836/KE l-Komunità saret Parti Kontraenti għall-Ftehim Rivedut 1958 tan-UN/ECE. Bid-Deċiżjonijiet 2001/507/KE [3] u 2001/509/KE [4], il-Komunità aderiet għar-Regolamenti 109 u 108 tan-UN/ECE, rispettivament. Bl-adeżjoni ma' dawk ir-Regolamenti, il-Komunità kkommettiet li taċċettahom bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni Komunitarja, skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 2 u 3 tal-Ftehim Rivedut 1958. Madankollu, sabiex tapplika dawk ir-Regolamenti fuq bażi obbligatorja, dispożizzjoni għal dak l-iskop għandha titniżżel fil-liġi Komunitarja skond l-Artikolu 4 (4) tad-Deċiżjoni 97/836/KE.

(3) Minħabba l-firxa limitata ta' l-azzjoni regolatorja meħtieġa, mhuwiex xieraq li l-applikazzjoni obbligatorja taż-żewġ Regolamenti ssir billi tiġi adottata Direttiva kif sar fid-Deċiżjonijiet 2001/507/KE u 2001/509/KE.

(4) Id-Deċiżjonijiet 2001/507/KE u 2001/509/KE għandhom jiġu emendati għaldaqstant,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2001/507/KE hija emendata kif ġej:

1) L-Artikolu waħdieni jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu Waħdieni

Il-Komunità Ewropea għandha taderixxi mar-Regolament 109 tal-Kummissjoni għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti li jikkonċerna l-approvazzjoni għall-produzzjoni ta' tajers pnewmatiċi b'wiċċ ġdid għall-vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom.

Sa mitt-13 ta' Settembru 2006 d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 109 kif imniżżla fl-Anness għandhom japplikaw bħala kondizzjoni obbligatorja għat-tpoġġija fuq is-suq tal-Komunità ta' tajers b'wiċċ ġdid li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament."

[1] ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.
[2] Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.
[3] ĠU L 183, 6.7.2001, p. 35.
[4] ĠU L 183, 6.7.2001, p. 37.

2) It-test tar-Regolament UN/ECE 109 mehmuż mad-Deċiżjoni 2001/507/KE qed jiġi mibdul bit-test imniżżel fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2001/509/KE hija emendata kif ġej:

1) L-Artikolu waħdieni jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu Waħdieni*

Il-Komunità Ewropea għandha taderixxi għar-Regolament 108 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti li jikkonċerna l-approvazzjoni għall-produzzjoni ta' tajers pnewmatiċi b'wiċċ ġdid għal vetturi tal-mutur u t-trejlers tagħhom.

Sa mitt-13 ta' Settembru 2006 d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 108 kif imniżżla fl-Anness għandhom japplikaw bħala kondizzjoni għat-tpoġġija fuq is-suq tal-Komunità ta' tajers b'wiċċ ġdid li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament."

2) It-test tar-Regolament UN/ECE 108 mehmuż mad-Deċiżjoni 2001/509/KE qed jiġi mibdul bit-test imniżżel fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, nhar it-13 ta Marzu 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARTENSTEIN

ANNESS I

"REGOLAMENT Nru 109

DISPOŻIZZJONIJIET UNIFORMI DWAR L-APPROVAZZJONI GĦALL-PRODUZZJONI TA' TAJERS PNEWMATIĊI B'WIĊĊ ĠDID GĦALL-VETTURI KUMMERĊJALI U L-KARRIJIET TAGĦHOM

(test konsolidat)

WERREJ

REGOLAMENT

ANNESSI

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dan ir-Regolament jgħodd għall-produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid, maħsuba biex jitwaħħlu fuq vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom li jintużaw fit-triq. Dan ma jgħoddx iżda għal:

1.1. Tajers b'wiċċ ġdid għal karrozzi privati (tal-passiġġieri) u l-karrijiet tagħhom.

1.2. Tajers b'wiċċ ġdid b'kapaċità ta' veloċità taħt it-80 km/s.

1.3. Tajers għar-roti u l-muturi.

1.4. Tajers li oriġinarjament kienu prodotti mingħajr simboli tal-veloċità u/jew indiċijiet tat-tagħbija.

1.5. Tajers li oriġinarjament kienu prodotti mingħajr l-approvazzjoni tat-tip u mingħajr il-marka "E" jew "e".

2. DEFINIZZJONIJIET – Ara wkoll il-figura fl-Anness 9

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

2.1. "Firxa ta' tajers pnewmatiċi b'wiċċ ġdid" – tfisser firxa ta' tajers pnewmatiċi b'wiċċ ġdid, kif ikkwotat fil-paragrafu 4.1.4.

2.2. "Struttura" ta' tajer pnewmatiku tfisser il-karatteristiċi tekniċi tal-qafas tat-tajer. L-istrutturi li ġejjin jingħarfu b'mod partikolari:

2.2.1. "Djagonali" jew "Ħxuna Mxaqilba" tiddeskrivi struttura ta' tajer pnewmatiku li fih il-kurduni tal-ħxuna jkun jestendu għax-xoffa ta' ġewwa tat-tajer u jitpoġġew f'angoli alternati sostanzjalment ta' inqas minn 90° għal-linja ċentrali tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer.

2.2.2. "*Bias-Belted*" tiddeskrivi struttura ta' tajer pnewmatiku ta' tip djagonali (ħxuna mxaqilba) li fih il-qafas ikun stabilizzat permezz ta' ċinturin, magħmul minn żewġ saffi jew aktar ta' kurdun ta' materjal li ma jkunx jista' jitwessa' wisq u li jitpoġġa f'angoli alternati qrib dawk tal-qafas tat-tajer.

2.2.3. "Radjali" tiddeskrivi struttura ta' tajer pnewmatiku li fih il-kurduni tal-ħxuna jkunu jestendu għax-xoffa ta' ġewwa tat-tajer u jitqiegħdu b'mod sostanzjali f'angolu ta' 90° għal-linja taċ-ċentru tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer. Il-qafas tat-tajer ikun stabilizzat b'ċinturin mad-dawra li essenzjalment ma jkunx jitwessa' wisq.

2.3. "Kategorija ta' użu"

2.3.1. Tajer normali huwa wieħed maħsub għall-użu normali fuq it-triq biss.

2.3.2. Tajer ta' użu speċjali huwa wieħed maħsub għal użi differenti, kemm fuq u barra t-triq u/jew għal veloċità ristretta.

2.3.3. Tajer tas-silġ huwa wieħed li l-għamla tal-wiċċ ta' barra mfellel tiegħu, jew l-għamla tal-wiċċ ta' barra mfellel u l-istruttura tiegħu, tkun iddisinjata primarjament biex tiżgura li, fit-tajn u fis-silġ frisk jew li jkun qed jinħall, jkollu rendiment aħjar minn wieħed normali. L-għamla tal-wiċċ ta' barra mfellel ta' tajer tas-silġ ġeneralment tikkonsisti minn kanal (strixxa) u elementi ta' materjal solidu li jkunu spazjati b'mod aktar wiesa' minn dawk fuq tajer normali.

2.4. "Ix-xoffa ta' ġewwa tat-tajer" tfisser il-parti ta' tajer pnewmatiku li tkun ta' tali għamla u struttura li tkun toqgħod ġor-rimm u żżomm it-tajer fuqha.

2.5. "Kurdun" tfisser il-ħjut li jiffurmaw il-fibra tal-ħxuniet tat-tajer pnewmatiku.

2.6. "Ħxuna" tfisser saff ta' kurduni paralleli mgħottija tal-"gomma".

2.7. "Ċinturin" tapplika għal ħxuna radjali jew tajer bi ħxuna mxaqilba u tfisser saff jew saffi ta' materjal jew materjali taħt il-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer, impoġġi b'mod sostanzjali fid-direzzjoni tal-linja taċ-ċentru tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer biex jirrestrinġi l-qafas f'direzzjoni ċirkonferenzjali.

2.8. "Interruttur" tapplika għal tajer ta' ħxuna djagonali u tfisser il-ħxuna tan-nofs bejn il-qafas u l-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer.

2.9. "Interruttur protettiv" tapplika għal tajer ta' ħxuna radjali u tfisser il-ħxuna tan-nofs mhux obbligatorja bejn il-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer u ċ-ċinturin biex inaqqas il-ħsara liċ-ċinturin.

2.10. "*Chafer*" tfisser materjal fil-parti tax-xoffa ta' ġewwa tat-tajer biex tipproteġi l-qafas kontra kull għerik jew brix mir-rimm tar-rota.

2.11. "Qafas" tfisser dik il-parti sturtturali ta' tajer pnewmatiku, ħlief il-wiċċ ta' barra mfellel u l-"gomma" ta' barra nett tal-ħitan tal-ġnub li, meta jintnefaħ, ikun jiflaħ għat-tagħbija.

2.12. "Il-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer" tfisser dik il-parti ta' tajer pnewmatiku li jkun imfassal biex ikollu kuntatt ma' l-art, jipproteġi l-qafas kontra kull ħsara teknika u jgħin biex it-tajer jaqbad ma' l-art.

2.13. "Il-ħajt tal-ġenb" tfisser il-parti ta' tajer pnewmatiku bejn il-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer u l-parti maħsuba biex tgħatti l-flanġ tar-rimm.

2.14. "Il-parti t'isfel tat-tajer" tfisser dik il-parti inkluża bejn il-linja tal-wisa' massima tas-sezzjoni tat-tajer u l-parti mfassla biex tkun mgħottija bix-xoffa tar-rimm.

2.15. "Il-kanal tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer" tfisser l-ispazju bejn l-istrixxi jew il-blokki ħdejn xuxlin fid-disinn tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer.

2.16. "Il-wisa' tas-sezzjoni" tfisser id-distanza lineari bejn il-parti ta' barra tal-ħitan tal-ġenb ta' tajer pnewmatiku minfuħ, meta dan jitwaħħal fuq ir-rimm ta' ċertu qies speċifiku, iżda li teskludi l-elevazzjonijiet minħabba t-tikketti (immarkar), id-dekorazzjoni jew l-istrixxi jew kanali protettivi.

2.17. "Il-wisa' ġenerali" tfisser id-distanza lineari bejn il-parti ta' barra tal-ħitan tal-ġnub ta' tajer pnewmatiku minfuħ, meta dan jitwaħħal fuq rimm ta' qies speċifiku, u tinkludi it-tikketti (immarkar), id-disinn jew l-istrixxi jew kanali protettivi.

2.18. "L-għoli tas-sezzjoni" tfisser distanza ugwali għal nofs id-differenza bejn id-dijametru ta' barra tat-tajer u d-dijametru nominali tar-rimm.

2.19. "Il-proporzjon ta' l-aspett nominali" tfisser mitt darba n-numru miksub billi tiddividi n-numru li jesprimi l-għoli nominali tas-sezzjoni bin-numru li jesprimi l-wisa' nominali tas-sezzjoni, fejn iż-żewġ figuri jkunu fl-istess unitajiet.

2.20. "Id-dijametru ta' barra" tfisser id-dijametru ġenerali ta' tajer minfuħ li jkun għadu kif kellu l-wiċċ ta' barra mfellel mill-ġdid.

2.21. "Il-klassifikazzjoni tal-qies tat-tajer" tfisser klassifikazzjoni li turi:

2.21.1. Il-wisa' nominali tas-sezzjoni. Din trid tkun imfissra f'millimetri, ħlief fil-każijiet ta' tajers li l-klassifikazzjoni tal-qies tagħhom tidher fl-ewwel kolonna tat-tabelli li hemm fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament.

2.21.2. Ir-ratio ta' l-aspett nominali, ħlief fil-każ ta' tajers li għalihom il-klassifikazzjoni tal-qies tidher fl-ewwel kolonna tat-tabelli li hemm fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament.

2.21.3. Numru konvenzjonali "d" (is-simbolu "d") li juri d-dijametru nominali tar-rimm u li jikkorrispondi għad-dijametru ta' dan imfisser jew permezz ta' kodiċi (numri taħt il-100) jew f'millimetri (numri aktar minn 100). In-numri li jikkorrispondu għaż-żewġ tipi ta' kejl jistgħu jintużaw fil-klassifikazzjoni.

2.21.3.1. Il-valuri tas-simboli "d" imfissra f'millimetri qed jidhru hawn taħt:

Kodiċi tad-Dijametru Nominali tar-Rimm – "d"	Valur tas-simbolu "d" imfisser f'mm
8	203
9	229
10	254
11	279
12	305
13	330
14	356
15	381
16	406
17	432
18	457
19	483
20	508
21	533
22	559
24	610
25	635

Kodiċi tad-Dijametru Nominali tar-Rimm – "d"	Valur tas-simbolu "d" imfisser f'mm
14,5	368
16,5	419
17,5	445
19,5	495
20,5	521
22,5	572
24,5	622
26	660
28	711
30	762

2.22. "Id-dijametru nominali tar-rimm (d)" ifisser id-dijametru tar-rimm li fuqu tajer ikun imfassal biex jitwaħħal.

2.23. "Rimm" ifisser l-appoġġ, jew għal assemblaġġ ta' tajer-u-tubu jew għal tajer mingħajr tubu, li fuqu titpoġġa x-xoffa ta' ġewwa tat-tajer.

2.24. "Ir-rimm tal-kejl" ifisser ir-rimm speċifikat bħala 'l-wisa' tal-kejl tar-rimm' jew 'il-wisa' tad-disinn tar-rimm' għal klassifikazzjoni partikolari tal-qies ta' tajer fi kwalunkwe edizzjoni ta' wieħed mill-Istandards Internazzjonali tat-Tajers jew aktar.

2.25. "Ir-rimm tat-test" ifisser kwalunkwe rimm speċifikat bħala approvat jew rakkomandat jew awtorizzat f'xi wieħed mill-Istandards Internazzjonali tat-Tajers għal tajer ta' dik il-klassifikazzjoni ta' qies jew tip.

2.26. "Standard Internazzjonali tat-Tajers" ifisser kwalunkwe wieħed mid-dokumenti standard li ġejjin:

(a) L-Organizzazzjoni Teknika Ewropea tat-Tajers u r-Rimmijiet (ETRTO) ([1]): "Il-Manwal ta' l-Istandards"

(b) L-Organizzazzjoni Teknika Ewropea tat-Tajers u r-Rimmijiet (ETRTO) ([1]): 'Tagħrif ta' Inġinerija dwar id-Disinn – data skaduta'

(ċ) L-Assoċjazzjoni inkorporata tat-tajer u r-rimm. (l-Assoċjazzjoni tat-Tajers u r-Rimmijiet) (TRA) ([2]): 'Il-Ktieb tas-Sena'

(d) L-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi tat-Tajers tal-Karrozzi tal-Ġappun (JATMA) ([3]): 'Il-Ktieb tas-Sena'

(e) L-Assoċjazzjoni tat-Tajers u r-Rimmijiet ta' l-Awstralja (TRAA) ([4]): 'Il-Manwal ta' l-Istandards'

(f) L-Assiciaçao Brasileira de Pneus e Aros (ABPA) ([5]): 'Manual de Normal Technicas'

(ġ) L-Organizzazzjoni Skandinava tat-Tajers u r-Rimmijiet (STRO) ([6]): 'Ktieb ta' Tagħrif'

L-istandards tat-tajer jistgħu jinkisbu mill-indirizzi li ġejjin:

([1]) ETRTO, 32 Av. Brugmann – Bte 2, B-1060 Brussell, Il-Belġju,
([2]) TRA, 175 Montrose West Avenue, Suite 150, Copley, Ohio, 44321 L-Istati Uniti ta' l-Amerika,
([3]) JATMA, 9th Floor, Toranomon Building No. 1-12, 1-Chome Toranomon Minato-ku, Tokyo 105, Il-Ġappun,
([4]) TRAA, Suite 1, Hawthorn House, 795 Glenferrie Road, Hawthorn, Victoria, 3122 L-Awstralja,
([5]) ABPA, Avenida Paulista 244-12º Andar, CEP, 01310 Sao Paulo, SP Il-Brażil,
([6]) STRO, Älggatan 48 A, Nb, S-216 15 Malmö, L-Iżvezja.

Il-lista ta' indiċi ta' tagħbija u t-tagħbija li jikkorrispondu jidhru fl-Anness 4 għal dan ir-Regolament.

2.27. "Tkissir fi bċejjeċ" tfisser it-tkissir ta' bċejjeċ ta' gomma mill-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer.

2.28. "Is-separazzjoni tal-kurdun" tfisser il-firda tal-kurduni mill-għata tal-gomma tagħhom.

2.29. "Is-separazzjoni tal-ħxuna" tfisser il-firda ta' ħxuniet minn maġenb xulxin.

2.30. "Is-separazzjoni tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer" tfisser it-tneħħija tal-wiċċ ta' barra mfellel mill-qafas tat-tajer.

2.31. "Deskrizzjoni tas-servizz" tfisser il-kumbinazzjoni speċifika ta' l-indiċi tat-tagħbija u s-simbolu tal-veloċità tat-tajer.

2.32. "L-indiċi tat-tagħbija" tfisser kodiċi numeriku li juri t-tagħbija li t-tajer jista' jgħabbi fil-veloċità li tikkorrispondi għas-simbolu tal-veloċità assoċjat u meta dan jitħaddem skond il-kundizzjonijiet tas-servizz speċifikati mill-manifattur. Tajer pnewmatiku jista' jkollu aktar minn indiċi wieħed tat-tagħbija biex juri l-kapaċità tat-tagħbija tiegħu meta dan jintuża f'formazzjoni waħda jew doppja, jew biex juri kapaċità ta' tagħbija oħra (punt uniku) li fuqu ma tkunx awtorizzata varjazzjoni ta' tagħbija skond il-paragrafu 2.35 u l-Anness 8 għal dan ir-Regolament.

Il-lista ta' indiċijiet tat-tagħbija u t-tagħbijiet li jikkorrispondu magħhom jidhru fl-Anness 4 ta' dan ir-Regolament.

2.33. "Simbolu tal-veloċità" tfisser:

2.33.1. Simbolu alfabetiku li juri l-veloċità li fiha t-tajer jista' jgħabbi t-tagħbija mogħtija mill-indiċi tat-tagħbija assoċjat miegħu.

2.33.2. Is-simboli tal-veloċità u l-veloċitajiet li jikkorrispondu magħhom qed jidhru fit-tabella t'hawn taħt:

Simbolu tal-veloċità	L-Ogħla Veloċità Korrispondenti (km/s)
F	80
G	90
J	100
K	110
L	120
M	130
N	140
P	150
Q	160
R	170
S	180
T	190
U	200
H	210

2.34. "Punt uniku" ifisser deskrizzjoni addizzjonali tas-servizz, immarkata maġenb id-deskrizzjoni normali tas-servizz, iżda li ma tistax tintuża biex tkun ikkalkulata varjazzjoni tal-kapaċità tat-tagħbija kif definit fil-paragrafu 2.35 u fl-Anness 8 għal dan ir-Regolament.

2.35. "Il-varjazzjoni tal-kapaċità tat-tagħbija mal-veloċità" tfisser kapaċità oħra ta' tagħbija għat-tajer meta dan jintuża f'veloċità differenti minn dik murija bis-simbolu tal-veloċità fid-deskrizzjoni normali tas-servizz. Il-varjazzjonijiet awtorizzati qed jidhru fit-tabella fl-Anness 8 għal dan ir-Regolament.

2.36. "Faċilità ta' produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid" tfisser post jew grupp ta' siti lokalizzati fejn ikunu manifatturati tajers b'wiċċ ġdid.

2.37. "tajers b' wiċċ ġdid" tfisser terminu ġeneriku għar-rikondizzjonar ta' tajers użati billi jinbidlulhom il-wiċċ mikul ta' barra b'wieħed ġdid. Dan jista' jinkludi wkoll it-tiġdid tal-wiċċ l-aktar ta' barra tal-ħitan tal-ġnub. Dan ikopri l-metodi ta' proċess li ġejjin:

2.37.1. "Il-*capping* ta' fuq" – il-bdil tal-wiċċ ta' barra;

2.37.2. "Il-*capping* mill-ġdid" – il-bdil tal-wiċċ ta' barra fejn il-materjal il-ġdid jibqa' sejjer għal fuq parti mill-ħitan tal-ġenb;

2.37.3. "Xoffa għal xoffa" – il-bdil tal-wiċċ ta' barra u t-tiġdid tal-wiċċ tal-ġenb, inkluża parti min-naħa t'isfel, jew in-naħa t'isfel kollha, tat-tajer.

2.38. "*Casing*" huwa t-tajer użat li jinkludi l-qafas u l-wiċċ ta' barra u l-materjal tal-ħitan tal-ġnub li jkun għad fadal.

2.39. "Tindif" huwa l-proċess biex jitneħħa l-materjal il-qadim mill-*casing* biex jitħejja l-wiċċ għall-materjal il-ġdid.

2.40. "Tiswija" huwa x-xogħol rimedjali li jsir fuq *casing* bil-ħsara fil-limiti magħrufa.

2.41. "Il-materjal tat-tiflil tal-wiċċ ta' barra" huwa materjal f'kundizzjoni li tkun tajba biex jitqiegħed minflok il-wiċċ mikul. Dan jista' jkun f'diversi forom, bħal per eżempju:

2.41.1. "*Camel-back*" – strixxi ta' materjal maqtugħin minn qabel li jkunu ngħataw is-sura tal-profil sezzjonali meħtieġ u wara jitwaħħlu mingħajr l-użu ta' sħana mal-casing imħejji. Il-materjal il-ġdid għandu jkun vulkanizzat.

2.41.2. "Mkebbeb bl-istrixxi" – strixxa ta' materjal għat-tiflil tal-wiċċ ta' barra li tingħata s-sura direttament u titkebbeb għal fuq il-casing imħejji u li jinbnew sal-kontorn sezzjonali meħtieġ. Il-materjal il-ġdid irid jiġi vulkanizzat.

2.41.3. "L-għoti dirett ta' sura" – materjal tat-tiflil tal-wiċċ ta' barra li jitneħħa biex jintlaħaq il-profil sezzjonali meħtieġ u li jingħata sura direttament għal fuq il-casing imħejji. Il-materjal il-ġdid għandu jkun vulkanizzat.

2.41.4. "Vulkanizzat minn qabel" – wiċċ tat-tiflil ta' barra li ġie ffurmat u vulkanizzat minn qabel li jiġi applikat direttament għall-casing imħejji. Il-materjal il-ġdid għandu jingħaqad mal-casing.

2.42. "Il-kisja tal-ħajt tal-ġenb" huwa materjal użat biex jgħatti l-ħitan tal-ġenb tal-casing biex b'hekk ikunu jistgħu jsiru l-marki meħtieġa.

2.43. "Gomma tal-kuxxin" huwa materjal użat bħala saff biex jgħaqqad il-wiċċ mfellel ta' barra l-ġdid u l-casing u biex jissewwew ħsarat żgħar.

2.44. "Siment" huwa sustanza likwida adeżiva biex iżomm materjali ġodda f'posthom qabel il-proċess ta' vulkanizzar.

2.45. "Vulkanizzar" huwa terminu użat biex jiddeskrivi l-bdil fil-karatteristiċi fiżiċi tal-materjal il-ġdid li s-soltu jsir bl-applikazzjoni tas-sħana u l-pressjoni għal perjodu stabbilit ta' ħin taħt kundizzjonijiet kontrollati.

3. IMMARKAR

3.1. Eżempju ta' l-arranġament ta' marki fuq tajer b'wiċċ ġdid qed jidher fl-Anness 3 għal dan ir-Regolament.

3.2. It-tajers b'wiċċ ġdid għandhom juru, fuq iż-żewġ ħitan tal-ġenb fil-każ ta' tajers simetriċi, u mill-anqas fuq il-ħajt tal-ġenb ta' barra fil-każ ta' tajers mhux simetriċi:

3.2.1. L-isem tad-ditta jew il-marka tal-fabbrika;

3.2.2. Il-klassifikazzjoni tal-qies tat-tajer kif definit fil-paragrafu 2.21.;

3.2.3. Indikazzjoni ta' l-istruttura kif ġej:

3.2.3.1. Fuq tajers djagonali (ħxuna mxaqilba); l-ebda indikazzjoni, jew l-ittra "D" impoġġija fuq quddiem tal-marka fuq id-dijametru tar-rimm;

3.2.3.2. Fuq tajers bi ħxuna radjali; l-ittra "R" impoġġija fuq quddiem tal-marka tad-dijametru tar-rimm, u, jekk mixtieq, il-kelma "RADIAL";

3.2.3.3. Fuq tajers *bias belted*, l-ittra "B" impoġġija fuq quddiem tal-marka tad-dijametru tar-rimm flimkien mal-kliem "BIAS-BELTED";

3.2.4. Id-deskrizzjoni tas-servizz li tinkludi:

3.2.4.1. Indikazzjoni tal-kapaċità/kapaċitajiet tat-tagħbija nominali tat-tajer fil-forma ta' l-indiċi tat-tagħbija preskritt fil-paragrafu 2.32;

3.2.4.2. Indikazzjoni tal-kapaċità tal-veloċità nominali tat-tajer fil-forma tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 2.33;

3.2.5. Jekk jgħodd, deskrizzjoni alternattiva tas-servizz waħda, il-Punt uniku, li tinkludi:

3.2.5.1. Indikazzjoni tal-kapaċità/kapaċitajiet tat-tagħbija tat-tajer fil-forma ta' l-indiċi tat-tagħbija preskritt fil-paragrafu 2.32.;

3.2.5.2. Indikazzjoni tal-kapaċità tal-veloċità fil-forma tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 2.33;

3.2.6. Il-kelma "TUBELESS" jekk it-tajer huwa magħmul għal użu mingħajr it-tubu ta' ġewwa.

3.2.7. Il-kelmiet M+S jew MS jew M.S. jew M & S fil-każ ta' tajer tas-silġ.

3.2.8. Id-data meta l-wiċċ ta' barra tat-tajer tfellel mill-ġdid, kif ġej:

3.2.8.1. Sal-31 ta' Diċembru 1999; jew kif spjegat fil-paragrafu 3.2.8.2. jew fil-forma ta' grupp ta' tliet figuri, l-ewwel tnejn juru n-numru tal-ġimgħa, waqt li t-tielet is-sena tad-deċennju tal-manifattura. Il-kodiċi tad-data jista' jkopri perjodu ta' produzzjoni li jibda mill-ġimgħa murija bin-numru tal-ġimgħa sa, u li jinkludi, in-numru tal-ġimgħa u tlieta oħra. Per eżempju, il-marka "253" tista' turi tajer b'wiċċ ġdid li sar fil-ġimgħat 25, 26, 27 jew 28 tas-sena 1993.

Il-kodiċi tad-data għandu jkun immarkat fuq wieħed mill-ħitan tal-ġenb biss.

3.2.8.2. Mill-1 ta' Jannar 2000; fil-forma ta' grupp ta' erba' figuri, l-ewwel tnejn juru l-ġimgħa u t-tieni tnejn juru s-sena li fiha t-tajer kellu l-wiċċ ta' barra mfellel mill-ġdid. Il-kodiċi tad-data jista' jkopri perjodu ta' produzzjoni mill-ġimgħa murija bin-numru tal-ġimgħa sa, u li jinkludi n-numru tal-ġimgħa miżjuda bi tlieta. Per eżempju, il-marka "2503" tista' turi tajer b'wiċċ ġdid li jkun sar fil-ġimgħat 25, 26, 27 jew 28 tas-sena 2003.

Il-kodiċi tad-data għandu jkun immarkat fuq wieħed mill-ħitan tal-ġenb biss.

3.2.9. Fil-każ ta' tajers skanalati mill-ġdid, is-simbolu "Ʊ" f'ċirku b'dijametru ta' madwar 20 mm, jew il-kelma "REGROOVABLE", imħaffra fil- jew fuq kull ħajt tal-ġenb.

3.2.10. Indikazzjoni, permezz ta' l-indiċi "PSI", tal-pressjoni tan-nefħa li għandha tkun adottata għat-testijiet tal-kapaċità tat-tagħbija/veloċità, kif spjegat fl-Anness 7, l-Appendiċi 2 għal dan ir-Regolament.

Din l-indikazzjoni għandha titpoġġa fuq wieħed mill-ħitan tal-ġenb biss.

3.2.11. It-terminu "RETREAD" jew "REMOULD" (wara l-1 ta' Jannar 1999 il-kelma "RETREAD" biss għandha tintuża). Fuq it-talba ta' min jagħmel it-tajers b'wiċċ ġdid, jista' jiżdied l-istess terminu f'lingwi oħra.

3.2.12. Il-kelmiet "ET" jew "ML" jew "MPT" għal "Tajers ta' użu speċjali" [1]

3.3. Qabel ma jkunu approvati, it-tajers għandhom juru spazju liberu sostanzjalment kbir, li fih tkun tista' titpoġġa marka ta' l-approvazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5.8. u kif muri fl-Anness 2 għal dan ir-Regolament.

3.4. Wara l-approvazzjoni, il-marki msemmija fil-paragrafu 5.8. u murija fl-Anness 2 għal dan ir-Regolament, għandhom jitwaħħlu fl-ispazju liberu msemmi fil-paragrafu 3.3. Din il-marka għandha titwaħħal fuq wieħed mill-ħitan tal-ġenb biss.

3.5. Il-marki msemmija fil-paragrafu 3.2. u l-marka ta' l-approvazzjoni preskritta fil-paragrafi 3.4. u 5.8 għandhom ikunu jinqraw b'mod ċar u jkunu ffurmati fuq jew fit-tajer jew inkella jkunu mmarkati b'mod permanenti fuq it-tajer.

3.6. Sakemm kwalunkwe mill-ispeċifikazzjonijiet oriġinali tal-manifattur ikunu għadhom jinqraw wara li jkun sar il-wiċċ ta' barra mfellel mill-ġdid fuq it-tajer, dawn għandhom jibqgħu jitqiesu bħala speċifikazzjonijiet tal-manifattur tat-tajers b'wiċċ ġdid għal dak it-tajer. Jekk dawn l-ispeċifikazzjonijiet oriġinali ma jkunux jgħoddu wara li jkun sar il-wiċċ ta' barra mfellel mill-ġdid tat-tajer, dawn għandhom jitneħħew kompletament.

3.7. Il-marka ta' l-approvazzjoni oriġinali "E" jew "e" u n-numru ta' l-approvazzjoni u kwalunkwe marka jew numru ta' l-approvazzjoni oħrajn li jkunu saru wara mill-faċilità tal-produzzjoni tat-tajers b'wiċċ ġdid, jekk ma jkunux jgħoddu aktar, għandhom jitneħħew.

[1] Għal fini ta' dan ir-Regolament, il-marka għandha tkun obbligatorja biss għal tipi ta' tajers manifatturati wara d-dħul fis-seħħ tas-Suppliment 1 għal dan ir-Regolament.

4. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

Il-proċeduri li ġejjin jgħoddu għall-approvazzjoni ta' faciltà ta' produzzjoni ta' tajres b'wiċċ ġdid:

4.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' faciltà ta' produzzjoni għandha tkun sottomessa mill-possessur ta' l-isem kummerċjali jew il-marka tal-fabbrika li tkun se titwaħħal fuq it-tajer, jew inkella mir-rappreżentant akkreditat kif suppost. Din għanda tispeċifika:

4.1.1. Deskrizzjoni ġenerali ta' l-istruttura tal-faciltà li tipproduċi t-tajers b'wiċċ ġdid.

4.1.2. Deskrizzjoni fil-qosor tas-sistema tat-tmexxija tal-kwalità, li tiżgura li l-kontroll effettiv tal-proċeduri tat-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers jkunu qed jilħqu tabilħaqq il-kriterji ta' dan ir-Regolament.

4.1.3. L-ismijiet jew il-marki tal-fabbrika li għandhom jitwaħħlu fuq it-tajers b'wiċċ ġdid li jiġu manifatturati.

4.1.4. It-tagħrif li ġej dwar il-firxa ta' tajers b'wiċċ ġdid:

4.1.4.1. il-firxa tal-qisien tat-tajers;

4.1.4.2. l-istruttura tat-tajers (djagonali jew bi ħxuna mxaqilba, *bias-belted* jew radjali);

4.1.4.3. il-kategorija ta' l-użu tat-tajers (tajers normali jew tas-silġ eċċ.);

4.1.4.4. is-sistema tat-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers u l-metodu ta' l-applikazzjoni tal-materjali l-ġodda li għandhom jintużaw, kif definit fil-paragrafi 2.37 u 2.41;

4.1.4.5. is-simbolu ta' l-ogħla veloċità tat-tajers b'wiċċ ġdid;

4.1.4.6. l-indiċi ta' l-ogħla tagħbija tat-tajers b'wiċċ ġdid;

4.1.4.7. l-Istandard tat-Tajer Internazzjonali magħżul li għalih tkun tgħodd il-firxa tat-tajers.

5. L-APPROVAZZJONI

5.1. Għal tajers b'wiċċ ġdid, jeħtieġ li l-faciltà tal-produzzjoni ta' dawn it-tajers tikseb l-approvazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet li japprovaw skond il-kriterji ta' dan ir-Regolament. L-awtorità li tapprova għandha tieħu l-miżuri meħtieġa, kif deskritt f'dan ir-Regolament, biex tiżgura li t-tajers b'wiċċ ġdid fil-faciltà tal-produzzjoni rispettiva tabilħaqq tilħaq il-kriterji msemmija f'dan ir-Regolament. Il-faciltà tal-produzzjoni tat-tajers b'wiċċ ġdid għandha tkun responsabbli kompletament biex tiżgura li dawn it-tajers ikunu jilħqu tabilħaqq il-kriterji ta' dan ir-Regolament u li dawn ikollhom turija xierqa meta jintużaw b'mod normali.

5.2. Barra mill-kriterji normali għall-valutazzjoni tal-bidu ta' din il-faciltà tal-produzzjoni, l-awtorità li tapprova għandha tkun sodisfatta li d-dokumentazzjoni tal-proċeduri, l-operat, l-istruzzjonijiet u ta' l-ispeċifikazzjonijiet pprovduti mill-forniturі tal-materjal ikunu f'lingwa li tkun tista' tiftiehem mill-ewwel mill-operaturi tal-faciltà tal-produzzjoni tat-tajers b'wiċċ ġdid.

5.3. L-awtorità li tapprova għandha tiżgura li d-dokumenti tal-proċedura u l-operat għal kull taqsima ta' produzzjoni jkun fihom speċifikazzjonijiet li jkunu xierqa għal materjali tat-tiswija u l-proċessi li jintużaw, dwar il-limiti ta' ħsara li tista' tissewwa jew il-penetrazzjonijiet li jistgħu jsiru fil-qafas tat-tajer, dwar jekk din il-ħsara tkunx teżisti jew tkunx ikkawżata matul il-proċessi ta' tħejjija għat-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajer.

5.4. Qabel ma tagħti l-approvazzjoni tagħha, l-awtorità għandha tkun sodisfatta li t-tajers b'wiċċ ġdid ikunu konformi ma' dan ir-Regolament u li t-testijiet meħtieġa skond il-paragrafi 6.5 u 6.6 ikunu saru b'suċċess fuq mill-anqas 5 u mhux neċessarjament aktar minn 20 kampjun ta' tajers b'wiċċ ġdid li jkunu jirrappreżentaw il-firxa ta' tajers manifatturati fil-faciltà tal-produzzjoni ta' dawn it-tajers.

5.5. Fil-każ li jkun hemm żewġ riżultati negattivi matul il-provi, għandhom ikunu ttestjati żewġ kampjuni oħra ta' l-istess speċifikazzjoni ta' tajer.

Jekk wieħed minn dawn il-kampjuni jew inkella t-tnejn ifallu, għandhom ikunu sottomessi għall-aħħar darba u jiġu ttestjati żewġ kampjuni oħra.

Jekk wieħed minn dawn il-kampjuni jew it-tnejn ifallu, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-taqsima tal-produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid għandha tiġi miċħuda.

5.6. Jekk il-kriterji kollha ta' dan ir-Regolament ikunu ntlaħqu, l-approvazzjoni għandha tingħata u għandu jingħata numru ta' l-approvazzjoni għal kull faciltà ta' produzzjoni ta' dawn it-tajers li tkun ġiet approvata. L-ewwel żewġ figuri ta' dan in-numru għandhom juru s-serje ta' l-emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi kbar u riċenti għar-Regolament meta tkun ħarġet l-approvazzjoni. In-numru ta' l-approvazzjoni għandu jkun ippreċedut bis-simbolu "109R", li jfisser li l-approvazzjoni tgħodd għal tajer b'wiċċ ġdid kif preskritt f'dan ir-Regolament.

L-istess awtorità ma tistax tassenja l-istess numru lil taqsima ta' produzzjoni oħra li tkun koperta b'dan ir-Regolament.

5.7. L-avviż ta' l-approvazzjoni jew ta' l-estensjoni, ir-rifjut jew it-tneħħija ta' l-approvazzjoni jew tal-produzzjoni li ma tkunx baqgħet issir skond dan ir-Regolament għandu jkun komunikat lill-Partijiet tal-Ftehim ta' l-1958 li japplika dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell li jidher fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

5.8. Fuq kull tajer li jkun konformi ma' dan ir-Regolament, fl-ispazju msemmi fil-paragrafu 3.3, u f'żieda mal-marki preskritti fil-paragrafu 3.2, għandha titwaħħal b'mod li jidher sew marka internazzjonali ta' l-approvazzjoni li tkun tikkonsisti minn:

5.8.1. Ċirku li jdur ma' l-ittra "E" segwit bin-numru distintiv tal-pajjiż li jkun ħareġ l-approvazzjoni ([1]); u

5.8.2. Numru ta' l-approvazzjoni kif deskritt fil-paragrafu 5.6.

5.9. L-Anness 2 għal dan ir-Regolament juri eżempju ta' l-arranġamenti tal-marka ta' l-approvazzjoni.

6. IL-KRITERJI

6.1. It-tajers m'għandhomx ikunu aċċettati għall-ewwel tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra sakemm dawn ma jkunux tat-tip approvat u jkollhom il-marka "E" jew "e", iżda dan il-kriterju m'għandux ikun obbligatorju sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2000.

6.2. Il-kundizzjonijiet qabel it-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers:

6.2.1. It-tajers għandhom ikunu nodfa u nexfin qabel l-ispezzjoni.

6.2.2. Qabel it-tindif, kull tajer għandu jkun eżaminat sew kemm minn ġewwa u kemm minn barra biex ikun żgurat li l-wiċċ ta' barra tat-tajer ikun jista' jitfellel mill-ġdid.

6.2.3. It-tajers li jkollhom ħsara li tidher u li tkun ġejja minħabba tagħbija żejda jew nuqqas ta' nefħa m'għandux jerġa' jitfellel mill-ġdid.

6.2.4. It-tajers li juru kull wieħed minn dawn it-tipi ta' ħsarat m'għandhomx ikunu aċċettati biex il-wiċċ ta' tagħhom jerġa' jitfellel mill-ġdid:

6.2.4.1. Ġenerali:

(a) qsim fil-gomma li ma jistax jissewwa u li jkun jibqa' sejjer ġol-qafas

(b) ksur fil-qafas

(ċ) attakk sostanzjali minħabba xi żejt jew kimika

(d) ħsara jew ksur fil-qalba tax-xoffa ta' ġewwa tat-tajer

(e) tiswijiet ta' qabel barra l-limiti speċifikati ta' ħsara – ara l-paragrafu 5.3.

([1]) 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Olanda, 5 għall-Iżvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għall-Jugoslavja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Iżvizzera, 15 (vakanti), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakja, 28 għall-Belarus, 29 għall-Estonja, 30 (vakanti), 31 għall-Bosnia u Ħerzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (vakanti), 34 għall-Bulgarija, 35 (vakanti), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (vakanti), 39 għall-Ażerbajġan, 40 għall-*ex* Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (vakanti), 42 għall-Komunità Ewropea (l-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri tagħha waqt li jużaw is-simbolu ECE rispettiv tagħhom), 43 għall-Ġappun, 44 (vakanti), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għall-Afrika t'Isfel u 48 għan-New Zealand. Numri sussegwenti għandhom jingħataw lil pajjiżi oħra f'ordni kronoloġiku skond kif dawn ikunu rratifikaw jew daħlu jiffurmaw parti mill-Ftehim Dwar l-Adozzjoni tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi għar-Roti, Tagħmir u Partijiet ta' Vetturi li jkunu jistgħu Jitwaħħlu u/jew Jintużaw fuq Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għall-Għarfien Reċiproku ta' l-Approvazzjonijiet Moghtija fuq il-Bażi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet. In-numri li jkunu assenjati għandhom ikunu komunikati mis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti għal dan il-Ftehim.

6.2.4.2. Kundizzjonijiet barra l-limiti speċifikati ta' grad ta' tiswija – ara l-paragrafu 5.3:

(a) penetrazzjonijiet fil-qafas jew ħsara wara t-tħejjija għat-tiswija

(b) ħafna ksur qrib xulxin

(ċ) deterjorazzjoni sostanzjali fl-inforra ta' ġewwa

(d) ħsara fix-xoffa ta' ġewwa

(e) kurduni tal-qafas esposti

(f) kurduni maħlulin

(g) is-separazzjoni tal-ħxuna tax-xoffa ta' ġewwa

(h) kurduni tal-qafas (azzar) li jkunu deformati jew mibruma b'mod permamenti

(i) qsim fiċ-ċirkonferenza fuq ix-xoffa ta' ġewwa

(j) kurduni ta' l-azzar jew wajer tax-xoffa ta' ġewwa kkorrodjat

6.3. Preparazzjoni:

6.3.1. Wara t-tindif, u qabel l-applikazzjoni tal-materjal il-ġdid, kull tajer għandu jkun eżaminat mill-ġdid, almenu minn barra, biex ikun żgurat li dan ikun għadu tajjeb biex il-wiċċ ta' barra tiegħu jitfellel mill-ġdid.

6.3.2. Il-wiċċ kollu li fuqu jkun applikat il-materjal il-ġdid għandu jkun tħejja mingħajr ebda sħana żejda. Il-fibra tal-wiċċ imnaddaf m'għandhiex ikollha laċerazzjonijiet fondi ta' tindif jew materjal maħlul.

6.3.3. Fejn ikollu jintuża materjal vulkanizzat minn qabel, il-kontorn tal-parti ppreparata għandu jilħaq il-kriterji tal-manifattur tal-materjal.

6.3.4. Ħsara li tkun ikkawżata matul it-tindif m'għandhiex tkun aktar mil-limiti definiti ta' tiswija, ara l-paragrafu 5.3, u din għandha tissewwa.

6.3.5. Il-ħsara tat-tindif fuq tajers bi ħxuna djagonali m'għandhiex tkun aktar mill-aktar ħxuna ta' barra tal-qafas fil-parti ewlenija. Wieħed għandu jassumi li l-ewwel ħxuna li jiltaqa' magħha tkun dik tal-qafas, sakemm ma jkunx jista' jiġi identifikat interruttur b'mod pożittiv. Jekk jitwaħħal interruttur, ħsara li tkun lokalizzata tkun awtorizzata.

6.3.6. Ħsara ta' tindif lokalizzat fuq iċ-ċinturin ta' tajers radjali hija awtorizzata. Għal ħsara akbar, wieħed ikun jista' jibdel iċ-ċinturin kollu jew it-taqsimiet taċ-ċinturin. Fejn jitwaħħal interruttur protettiv, u jkun jista' jiġi identifikat b'mod pożittiv bħala tali, u jekk dan ikun bil-ħsara, wieħed ikun jista' jibdlu u mhux bilfors iġeddu.

6.3.7. Partijiet ta' l-azzar li jkunu esposti għandhom jiġu ttrattati kemm jista' jkun malajr bil-materjal xieraq, kif definit mill-manifattur ta' dak il-materjal apposta.

6.4. Tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers:

6.4.1. Min jagħmel it-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers għandu jiżgura li jew il-manifattur jew il-fornitur tal-materjali tat-tiswija, inklużi l-irqajja, ikun responsabbli għal dan li ġej:

(a) jiddefinixxi metodu(i) ta' applikazzjoni u ħażna, jekk ikun mitlub minn min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers, fil-lingwa nazzjonali tal-pajjiż li fih il-materjali jkunu se jintużaw;

(b) jiddefinixxi l-limiti ta' ħsara li għaliha l-materjali huma mfassla, jekk mitlub minn min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers, fil-lingwa nazzjonali tal-pajjiż li fih il-materjali jkunu se jintużaw;

(ċ) jiżgura li l-irqajja rinfurzati tat-tajers, jekk ikunu applikati tajjeb meta jissewwa l-qafas, ikunu tajbin għal dan il-għan;

(d) jiżgura li l-irqajja jkunu tajbin biex jifilħu d-doppju ta' l-ogħla pressjoni tan-nefħa, kif mogħti mill-manifattur tat-tajer;

(e) jiżgura li kwalunkwe materjal ieħor tat-tiswija jkun tajjeb għas-servizz maħsub.

6.4.2. Min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers għandu jkun responsabbli għall-applikazzjoni tajba tal-materjal tat-tiswija u biex jiżgura li t-tiswija tkun ħielsa min kull difett li jista' jaffettwa l-ħajja sodisfaċenti tas-servizz tat-tajer.

6.4.3. Il-parti li ddawwar tiswija rinfurzata fuq ħajt ta' ġenb jew fuq il-ġenb ta' ħxuna radjali tista' tintnefaħ ftit meta t-tajer jitwaħħal u jintnefaħ skond il-pressjoni rakkomandata ta' l-operat. Għandhom jintużaw materjali ta' tiswija rinfurzata b'karatteristiċi fiżiċi li jdejqu l-għoli tan-nefħa sa mhux aktar minn 4 mm.

6.4.4. Min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers għandu jiżgura li jew il-manifattur jew il-fornitur tal-materjal tat-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra u tal-ħitan tal-ġenb tat-tajers joħroġ speċifikazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-użu biex jiggarantixxi l-kwalitajiet tal-materjal. Jekk ikun mitlub minn min jagħmel it-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers, dan it-tagħrif għandu jkun fil-lingwa nazzjonali tal-pajjiż li fih il-materjal ikun se jintuża.

6.4.5. Min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers għandu jiżgura li l-materjal u/jew il-kompost tat-tiswija jkunu dokumentati f'ċertifikat li joħroġ mill-manifattur jew il-fornitur. Il-kompost tal-materjal għandu jkun adatt għall-użu maħsub tat-tajers.

6.4.6. It-tajer ipproċessat għandu jkun vulkanizzat kemm jista' jkun malajr wara t-tkomplija tat-tiswijiet kollha u l-operat tal-bini mill-ġdid, u l-aktar skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur tal-materjal.

6.4.7. It-tajer għandu jkun vulkanizzat għat-tul ta' ħin u skond it-temperatura u l-pressjoni li jkunu xierqa u speċifiċi għall-materjali u t-tagħmir ta' l-ipproċessar li jkunu użati. Il-qisien tal-forma għandhom ikunu tajbin għall-ħxuna tal-materjal il-ġdid u l-qies tat-tajer imnaddaf.

6.4.8. Il-ħxuna tal-materjal oriġinali wara t-tindif u l-ħxuna medja ta' kwalunkwe materjal ġdid taħt id-disinn tal-wiċċ ta' barra mfellel wara li dan ikun tfellel mill-ġdid, għandu jkun skond kif mogħti fil-paragrafi 6.4.8.1 u 6.4.8.2.

6.4.8.1. Għal tajers bi ħxuna radjali (mm):

$3 \leq (A+B) \leq 13$ (minimu 3,0 mm; massimu 13,0 mm)

$A \geq 2$ (minimu 2,0 mm)

$B \geq 0$ (minimu 0,0 mm)



P.D. = Il-fond tad-disinn

X = Il-linja tat-tindif

A = Ħxuna medja tal-materjal il-ġdid taħt id-disinn

B = Ħxuna minima tal-materjal oriġinali fuq iċ-ċinturin wara t-tindif

6.4.8.2. Għal tajers djagonali (ħxuna mxaqilba):

Il-ħxuna tal-materjal oriġinali fuq l-interruttur għandha tkun ≥ 0,80 mm;

Il-ħxuna medja tal-materjal il-ġdid fuq il-linja tal-*casing* imnaddfa għandha tkun ≥ 2,00 mm;

Magħduda flimkien, il-ħxuna tal-materjal oriġinali u ġdid taħt il-bażi ta' l-iskanalaturi tad-disinn tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer għandha tkun ≥ 3,00 mm u ≤ 13,00 mm.

6.4.9. Id-deskrizzjoni tas-servizz ta' tajer b'wiċċ ġdid m'għandhiex turi la simbolu ta' veloċità ogħla u lanqas indiċi ta' tagħbija ogħla minn dak tat-tajer oriġinali, fl-ewwel ħajja tiegħu. Dan sakemm ma tkunx ingħatat approvazzjoni lill-manifattur tat-tajer oriġinali, fl-ewwel ħajja tiegħu, biex dak l-istess qafas jkun jista' jintuża skond id-deskrizzjoni riveduta tas-servizz.

It-tagħrif dwar qafas oriġinali, fl-ewwel ħajja tiegħu, li jkun ġie aġġornat b'dan il-mod, għandu jkun disponibbli b'xejn minn awtorità li tapprova lil kwalunkwe faciltà ta' produzzjoni ta' tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajres, u dan għandu jiġi komunikat lill-partijiet l-oħra tal-Ftehim ta' l-1958 (ara l-Artikolu 5 tal-Ftehim Dwar l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi għall-Vetturi bir-Roti, Tagħmir u Partijiet li jistgħu Jitwaħħlu u/jew Jintużaw fuq Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għall-Għarfien Reċiproku ta' l-Approvazzjonijiet Mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet – dokument E/ECE/324 - E/ECE/TRANS/505/Rev. 2).

Il-formola standard murija fl-Anness 1 għar-Regolament Nru. 54 għandha tintuża biex dan it-tagħrif ikun komunikat.

6.4.10. L-aġġornar tad-deskrizzjoni tas-servizz kif mogħti fil-paragrafu 6.4.9. għandu jkun awtorizzat biss għall-ewwel tfellil tal-wiċċ ta' barra ta' tajer oriġinali, fl-ewwel ħajja tiegħu.

Tajers li kellhom diġà il-wiċċ ta' barra tagħhom imfellel mill-ġdid m'għandhomx ikollhom la s-simbolu tal-veloċità u lanqas l-indiċi tat-tagħbija ogħla minn dak muri fuq il-*casing* użat.

6.5. Spezzjoni:

6.5.1. Wara li jkun ġie vulkanizzat, waqt li jinżamm grad ta' sħana fih, kull tajer b'wiċċ ġdid għandu jiġi eżaminat biex ikun żgurat li dan ikun ħieles minn kwalunkwe difettt li jkun jidher. Waqt jew wara t-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra, it-tajer għandu jintnefaħ għal mill-anqas 1,5 linja għall-eżami. Fejn ikun hemm difett li jidher fil-profil tat-tajer (eż. brix, depressjoni, eċċ.), it-tajer għandu jiġi eżaminat speċifikament biex tkun stabbilita l-kawża ta' dan id-difett.

6.5.2. Qabel, waqt jew wara t-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra, it-tajer għandu jkun verifikat mill-inqas darba għall-integrità ta' l-istruttura tiegħu permezz ta' metodu ta' spezzjoni.

6.5.3. Għall-għanijiet tal-kontroll tal-kwalità, numru ta' tajers bil-wiċċ ta' barra tagħhom imfellel mill-ġdid għandhom ikunu sottomessi għal provi jew eżami distruttivi jew non-distruttivi. Il-kwantità ta' tajers verifikati u r-riżultati għandhom jiġu reġistrati.

6.5.4. Wara t-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra, il-qisien tat-tajer b'wiċċ ġdid, meta dan ikun tkejjel skond l-Anness 6 għal dan ir-Regolament, għandhom ikunu skond jew il-qisien ikkalkulati skond il-proċeduri tal-paragrafu 7 jew għal dawk mogħtija fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament.

Wieħed għandu jinnota li d-dijametru massimu ta' barra ta' tajer b'wiċċ ġdid jista' jkun sa 1,5 % akbar mid-dijametru massimu ta' barra ta' tajer ġdid u oriġinali awtorizzat bir-Regolament Nru. 54.

6.6. It-test tat-turija:

6.6.1. Tajers, li l-wiċċ tagħhom ikun tfellel mill-ġdid biex ikunu konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom ikunu kapaċi jgħaddu mit-test tat-tagħbija/veloċità kif speċifikat fl-Anness 7 għal dan ir-Regolament.

6.6.2. Tajer b'wiċċ ġdid, li wara li jkun ġie sottomess għat-test tat-tagħbija/veloċità ma jurix kwalunkwe separazzjoni fil-wiċċ ta' barra jew fil-ħxuna jew fil-kurdun, tkissir fi bċejjeċ jew inkella xi kurduni miksura, għandu jitqies li jkun għadda mit-test.

6.6.3. Id-dijametru ta' barra tat-tajer, imkejjel sitt sigħat wara li jkun sar fuqu t-test tat-tagħbija/veloċità, m'għandux ivarja b'aktar minn ± 3,5 % mid-dijametru ta' barra meta dan ikun tkejjel qabel it-test.

7. SPEĊIFIKAZZJONIJIET

7.1. It-tajers, li l-wiċċ ta' barra tagħhom ikunu tfellel mill-ġdid biex ikunu konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom ikunu skond il-qisien li ġejjin:

7.1.1. Il-wisa' tas-sezzjoni:

7.1.1.1. Il-wisa' tas-sezzjoni għandha tkun ikkalkulata bil-formula li ġejja:

$$S = S_1 + K (A - A_1)$$

fejn:

S: hija l-wisa' attwali tas-sezzjoni f'millimetri kif imkejla fuq ir-rimm tal-prova;

S_1: huwa l-valur tal-'Wisa' tas-Sezzjoni tad-Disinn', riferut għar-rimm tal-kejl, kif ikkwotat fl-Istandard Internazzjonali tat-Tajers, speċifikat minn min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers għall-qies tat-tajer in kwistjoni;

A: hija l-wisa' tar-rimm tat-test f'millimetri;

A_1: hija l-wisa' f'millimetri tar-rimm tal-kejl, kif ikkwotat fl-Istandard Internazzjonali tat-Tajers, speċifikat minn min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers għall-qies tat-tajer in kwistjoni.

K: huwa fattur u għandu jittieħed bħala ugwali għal 0,4.

7.1.2. Id-dijametru ta' barra:

7.1.2.1. Id-dijametru teoretiku ta' barra ta' tajer b'wiċċ ġdid għandu jkun ikkalkulat bil-formula li ġejja:

$$D = d + 2H$$

fejn:

D: huwa d-dijametru teoretiku ta' barra f'millimetri;

d: huwa n-numru konvenzjonali ddefinit fil-paragrafu 2.21.3 f'millimetri;

D: huwa l-għoli nominali tas-sezzjoni f'millimetri u huwa ugwali għal S_n immultiplikat b'0,01 Ra

fejn:

S_n: hija l-wisa' nominali tas-sezzjoni f'millimetri;

Ra: huwa l-proporzjon ta' l-aspett nominali.

Is-simboli kollha t'hawn fuq huma skond kif ikkwotati fil-klassifikazzjoni tal-qies tat-tajer, kif muri fuq il-ħajt tal-ġenb tat-tajer, skond il-kriterji tal-paragrafu 3.2.2 u definit fil-paragrafu 2.21.

7.1.2.2. Madankollu, għal tajers li il-klassifikazzjoni tidher fl-ewwel kolonna tat-tabelli li hemm fl-Anness 5 għar-Regolament ECE Nru. 54, id-dijametru ta' barra għandu jkun dak mogħti f'dawk it-tabelli.

7.1.3. Il-metodu ta' kif jitkejlu tajers b'wiċċ ġdid:

7.1.3.1. Il-qisien ta' tajers b'wiċċ ġdid għandhom jitkejlu skond il-proċeduri mogħtija fl-Anness 6 għal dan ir-Regolament.

7.1.4. L-ispeċifikazzjonijiet tal-wisa' tas-sezzjoni:

7.1.4.1. Il-wisa' ġenerali attwali tista' tkun anqas mill-wisa' jew il-wisgħat tas-sezzjoni stabbiliti fil-paragrafu 7.1.

7.1.4.2. Il-wisa' ġenerali attwali tista' wkoll tkun aktar mill-valur jew il-valuri stabbiliti fil-paragrafu 7.1 b':

4 % fil-każ ta' tajers bi ħxuna radjali u

8 % fil-każ ta' tajers bi ħxuna djagonali (ħxuna mxaqilba) u *bias belted*.

Madankollu, għal tajers b'sezzjoni li tkun aktar minn 305 mm, u maħsuba biex jitwaħħlu f'formazzjoni doppja, il-valur jew il-valuri nominali m'għandhomx ikunu aktar minn:

2 % fil-każ ta' tajers bil-ħxuna radjali u

4 % għal tajers bi ħxuna djagonali (ħxuna mxaqilba) u *bias belted*.

7.1.5. L-ispeċifikazzjonijiet tad-dijamentru ta' barra:

7.1.5.1. Id-dijametru attwali ta' barra ta' tajer b'wiċċ ġdid m'għandux ikun barra l-valuri ta' Dmin u Dmass miksuba bil-formuli li ġejjin:

Dmin = d + (2H x a)

Dmass = 1,015 x [d + (2H x b)]

fejn:

7.1.5.1.1. Għal qisien mhux mogħtija fit-tabelli fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament, "H" u "d" huma kif definit fil-paragrafu 7.1.2.1.

7.1.5.1.2. Għall-qisien imsemmija fil-paragrafu 7.1.2.2 fuq:

H = 0,5 (D – d)

fejn "D" huwa d-dijametru ta' barra u "d" id-dijametru nominali tar-rimm kwotat fit-tabelli msemmija fuq għall-qies in kwistjoni.

7.1.5.1.3. Il-ko-effiċjent "a" = 0,97

7.1.5.1.4. Il-ko-effiċjent "b" huwa:

	Tajers radjali	Tajers bi ħxuna djagonali (ħxuna mxaqilba) u *bias belted*
għal tajers ta' użu normali	1,04	1,07
għal tajers ta' użu speċjali	1,06	1,09

7.1.5.2. Għal tajers tas-silġ, id-dijametru massimu ta' barra (Dmass), ikkalkulat fil-paragrafu 7.1.5.1, jista' jiżdied sa mhux aktar minn 1 %.

8. MODIFIKAZZJONIJIET FL-APPROVAZZJONI

8.1. Kull modifika dwar faċiltà ta' produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid, li temenda kwalunkwe tagħrif mogħti mill-faċiltà tal-produzzjoni ta' dawn it-tajers fl-Applikazzjoni għall-Approvazzjoni, ara l-paragrafu 4, għandha tkun notifikata lill-awtorità li tapprova li tkun approvat dik it-taqsima ta' produzzjoni. Dik l-awtorità, imbagħad, tista' jew:

8.1.1. Tikkunsidra li l-modifikazzjonijiet li jkunu saru x'aktarx ma jkollhomx effett sostanzjalment ħażin u li fi kwalunkwe każ il-faċiltà tal-produzzjoni ta' dawn it-tajers għandha tilħaq il-kriterji; jew

8.1.2. Titlob biex isir aktar stħarriġ ta' l-approvazzjoni.

8.2. Il-konferma jew ir-rifjut ta' approvazzjoni, li tkun tispeċifika l-modifikazzjonijiet, għandha tkun mgħarrfa lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament skond il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 5.7.

9. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri ta' produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim, l-Appendiċi 2 (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2), skond il-kriterji li ġejjin:

9.1. Il-faċiltà tal-produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid, approvata skond dan ir-Regolament, għandha tkun konformi mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 6.

9.2. Id-detentur ta' l-approvazzjoni għandu jiżgura li, matul kull sena ta' produzzjoni, u b'firxa matul is-sena kollha, mill-inqas in-numru ta' tajers li ġejjin, li jkunu rappreżentattivi tal-firxa li tkun qed tiġi manifatturata, ikunu verifikati u ttestjati kif preskritt f'dan ir-Regolament:

9.2.1. 0,01 % tal-produzzjoni annwali sħiħa, iżda fi kwalunkwe każ mhux inqas minn 2 u mhux aktar minn 10.

9.3. Jekk il-kriterji tal-paragrafu 9.2 jitwettqu minn jew taħt il-kontroll ta' l-awtorità li tapprova, ir-riżultati jistgħu jintużaw bħala parti minn, jew minflok, dawk preskritti fil-paragrafu 9.4.

9.4. L-awtorità li tkun approvat il-faciltà tal-produzzjoni tat-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers tista', f'kull żmien, tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità tal-produzzjoni. Għal kull faċilità tal-produzzjoni, l-awtorità li tapprova t-tip għandha tiġbor kampjuni bl-addoċċ matul kull sena ta' produzzjoni, u mill-inqas in-numru ta' tajers li ġejjin, li jkunu rappreżentattivi tal-firxa li tkun qed tiġi manifatturata, għandhom jiġu verifikati u ttestjati kif preskritt f'dan ir-Regolament:

9.4.1. 0,01 % tal-produzzjoni annwali sħiħa, iżda f'kull każ mhux inqas minn 2 u mhux aktar minn 10.

9.5. It-testijiet u l-verifiki tal-paragrafu 9.4 jistgħu jieħdu post dawk meħtieġa fil-paragrafu 9.2.

10. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ FIL-PRODUZZJONI

10.1. L-approvazzjoni mogħtija lil faċilità ta' produzzjoni ta' tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers skond dan ir-Regolament, tista' titneħħa jekk il-kriterji tal-paragrafu 9 ma jiġux osservati jew jekk din il-faċilità tal-produzzjoni jew it-tajers b'wiċċ ġdid manifatturati minnha jkunu naqsu milli jilħqu l-kriterji preskritti fil-paragrafu 9.

10.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat diġà, din għandha tavża minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim ta' l-1958 li jkunu qed japplikaw dan ir-Regolament. Dan għandha tagħmlu permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi għall-mudell muri fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

11. PRODUZZJONI LI TWAQQFET GĦAL KOLLOX

L-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni tal-faċilità tal-produzzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid għandha tkun mgħarrfa jekk l-operat u l-manifattura ta' tajers b'wiċċ ġdid, li jkunu ġew approvati fl-iskop ta' dan ir-Regolament, jieqfu. Meta l-awtorità tirċievi din l-informazzjoni, din għandha tgħaddiha lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim ta' l-1958 li jkunu qed japplikaw dan ir-Regolament. Dan għandha tagħmlu permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell muri fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

12. ISMIJIET U INDIRIZZI TA' SERVIZZI TEKNIĊI LI HUMA RESPONSABBLI BIEX IWETTQU TESTIJIET TA' L-APPROVAZZJONI, TA' LABORATORJI FEJN ISIRU T-TESTIJIET, U TA' DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI

12.1. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' l-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jgħaddu lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi li huma responsabbli li jwettqu testijiet ta' l-approvazzjoni u, fejn ikun jgħodd, tal-laboratorji approvati li fihom isiru t-testijiet, kif ukoll ta' dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew ir-rifjut jew l-irtirar ta' approvazzjoni tal-produzzjoni li żgur tkun twaqqfet, liema approvazzjonijiet ikunu ħarġu f'pajjiżi oħra.

12.2. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' l-1958 li japplikaw dan ir-Regolament, jistgħu jużaw laboratorji ta' manifatturi ta' tajers jew ta' faciltàjiet ta' produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid u jistgħu jagħżlu, bħala laboratorji approvati tat-test, dawk li jinstabu jew fit-territorju ta' dik il-Parti jew fit-territorju ta' Parti oħra għall-Ftehim ta' l-1958. Dan ikun jiddependi minn jekk id-dipartiment amministrattiv kompetenti ta' dan ta' l-aħħar ikunx aċċetta b'mod preliminari din il-proċedura.

12.3. Fejn Parti għall-Ftehim ta' l-1958 tapplika l-paragrafu 12.2, din tista', jekk tkun tixtieq, tkun rappreżentata waqt it-testijiet.

ANNESS 1

KOMUNIKAZZJONI

(format massimu: A4 (210 x 297 mm))



Maħruġa minn: L-isem ta' l-amministrazzjoni:

.....

.....

.....

Dwar: (2) APPROVAZZJONI MOGĦTIJA

APPROVAZZJONI ESTIŻA

APPROVAZZJONI RIFJUTATA

APPROVAZZJONI RTIRATA

PRODUZZJONI LI TWAQQFET GĦAL KOLLOX

ta' faċilità ta' produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid skond ir-Regolament Nru 109

Nru ta' l-Approvazzjoni.:..... Nru ta' l-Estensjoni: .....

1. L-isem jew il-marka tal-fabbrika ta' min jagħmel it-tajers b'wiċċ ġdid: .....
2. L-isem u l-indirizz tal-faciltà tal-produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid: .....

   .....
3. Jekk jgħodd, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant ta' min jagħmel it-tajers b'wiċċ ġdid: .....

   .....
4. Deskrizzjoni fil-qosor bħal fil-paragrafi 4.1.3 u 4.1.4 ta' dan ir-Regolament: .....
5. Servizz tekniku u, fejn ikun jgħodd, il-laboratorju tat-test approvat għall-għanijiet ta' approvazzjoni jew verifika ta' konformità:

   .....
6. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
7. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
8. Raġuni(jiet) għall-estensjoni (jekk jgħodd): .....
9. Rimarki oħra: .....
10. Post: .....
11. Data: .....
12. Firma: .....
13. Mehmuża ma' din il-komunikazzjoni hemm lista ta' dokumenti fil-fajl ta' l-approvazzjoni li jinstab għand l-Awtorità li tapprova li kienet qieset din l-approvazzjoni, u li jistgħu jinkisbu fuq talba.

---

(1) In-numru distintiv tal-pajjiż li jkun ta/estenda/irrifjuta/irtira approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet ta' l-approvazzjoni fir-Regolament).
(2) Ħassar dak li ma japplikax.

ANNESS 2

L-ARRANĠAMENT TAL-MARKA TA' L-APPROVAZZJONI

a = 12 mm min

Il-marka ta' l-approvazzjoni t'hawn fuq li tkun twaħħlet fuq tajer b'wiċċ ġdid turi li l-faċilità tal-produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid ikkonċernata ngħatat approvazzjoni mill-Olanda (E4) taħt in-numru ta' l-approvazzjoni 109R002439; il-kriterji ta' dan ir-Regolament intlaħqu fil-forma oriġinali tiegħu (00).

In-numru ta' l-approvazzjoni għandu jitpoġġa qrib iċ-ċirku jew fuq jew taħt is-simbolu "E" jew inkella fuq il-lemin jew ix-xellug ta' dik l-ittra. Il-figuri tan-numru ta' l-approvazzjoni għandu jkun fuq l-istess naħa ta' l-ittra "E" u jħares fl-istess direzzjoni. L-użu ta' numri Rumani bħala numri ta' approvazzjoni għandhom ikunu evitati biex ikun evitat kull taħwid ma' simboli oħrajn.

ANNESS 3

L-ARRANĠAMENT TAL-MARKI TA' TAJER B' WIĊĊ ĠDID



	L-GĦOLI MINIMU TAL-MARKI (mm)	
	Tajers b'dijametru ta' rimm ≤ kodiċi 20 jew ≤ 508 mm jew ta' wisa' sezzjonali ≤ 235 mm jew ≤ 9"	Tajers b'dijametru ta' rimm > kodiċi 20 jew > 508 mm jew ta' wisa' sezzjonali > 235 mm jew > 9"
b	6	9
ċ	4	
d	6	

L-eżempju t'hawn fuq jiddefinixxi tajer pnewmatiku b'wiċċ ġdid:

Għandu wisa' nominali tas-sezzjoni ta' 295;

Għandu ratio ta' l-aspett nominali ta' 80;

Ta' struttura ta' ħxuna radjali (R);

Għandu dijametru nominali tar-rimm ta' 572 mm, li għalih il-kodiċi huwa 22.5;

Għandu kapaċitajiet tat-tagħbija ta' 3 550 kilo (waħdu) u ta' 3 150 kilo (doppju), li jikkorrispondu rispettivament għall-indiċi tat-tagħbija 152 u 148 murija fl-Anness 4 għal dan ir-Regolament;

Għandu s-simbolu tal-veloċità nominali K (veloċità tar-referenza 110 km/s);

Kapaċi jintuża fil-Punt Uniku, is-simbolu tal-veloċità L (veloċità tar-referenza 120 km/s); b'kapaċità ta' tagħbija ta' 3 350 kilo (waħdu) u 3 000 kilo (doppju), li jikkorrispondu rispettivament għall-indiċi tat-tagħbija 150 u 146 murija fl-Anness 4 għal dan ir-Regolament;

Maħsub biex jintuża mingħajr it-tubu ta' ġewwa ("TUBELESS") u huwa tajer tas-silġ (M+S);

B'wiċċ ġdid fil-ġimgħat 25, 26, 27 jew 28 tas-sena 2003.

Għat-testijiet tal-kapaċità tat-tagħbija/veloċità dan jeħtieġ jintnefaħ sa 620 kPa, li għalih is-simbolu PSI huwa 90.

Il-pożizzjoni u l-ordni tal-marki li jsawru il-klassifikazzjoni tat-tajer għandhom ikunu kif ġej:

(a) Il-klassifikazzjoni tal-qies, li tinkludi l-wisa' nominali tas-sezzjoni, il-proporzjon ta' l-aspett nominali, is-simbolu tat-tip ta' l-istruttura (fejn ikun jgħodd) u d-dijametru nominali tar-rimm, għandhom ikunu fi grupp kif muri fl-eżempju ta' fuq, jiġifieri: 295/80 R 22,5;

(b) Id-deskrizzjoni tas-servizz, li tinkludi l-indiċi tat-tagħbija u s-simbolu tal-veloċità, għandhom jitpoġġew flimkien ħdejn il-klassifikazzjoni tal-qies. Din tista' tiġi qabel il-klassifikazzjoni tal-qies jew wara din, jew inkella titpoġġa fuqha jew taħtha;

(ċ) Is-simbolu "TUBELESS" u "M+S" jistgħu jkunu xi ftit 'il boghod mis-simbolu ta' il-klassifikazzjoni tal-qies.

(d) Il-kelma "RETREAD" tista' tkun ftit 'il boghod mis-simbolu tal-klassifikazzjoni tal-qies.

(e) Jekk il-paragrafu 3.2.5 ta' dan ir-Regolament ikun applikat, id-deskrizzjoni addizzjonali tas-servizz (il-Punt Uniku), li tinkludi l-indiċi tat-tagħbija u s-simbolu tal-veloċità, għandha tintwera ġewwa ċirku ħdejn id-deskrizzjoni nominali tas-servizz li tkun tidher fuq il-ħajt tal-ġenb tat-tajer.

ANNESS 4

LISTA TA' L-INDIĊIJIET TA' TAGĦBIJA U L-KAPAĊITAJIET TAT-TAGĦBIJA LI JIKKORRISPONDU MAGĦHOM

Indiċi ta' tagħbija (LI) u l-kapaċità tat-tagħbija – kilo													
LI	kilo	LI	kilo	LI	kilo	LI	kilo	LI	kilo	LI	kilo	LI	kilo
0	45	40	140	80	450	120	1 400	160	4 500	200	14 000	240	45 000
1	46,2	41	145	81	462	121	1 450	161	4 625	201	14 500	241	46 250
2	47,5	42	150	82	475	122	1 500	162	4 750	202	15 000	242	47 500
3	48,7	43	155	83	487	123	1 550	163	4 875	203	15 500	243	48 750
4	50	44	160	84	500	124	1 600	164	5 000	204	16 000	244	50 000
5	51,5	45	165	85	515	125	1 650	165	5 150	205	16 500	245	51 500
6	53	46	170	86	530	126	1 700	166	5 300	206	17 000	246	53 000
7	54,5	47	175	87	545	127	1 750	167	5 450	207	17 500	247	54 500
8	56	48	180	88	560	128	1 800	168	5 600	208	18 000	248	56 000
9	58	49	185	89	580	129	1 850	169	5 800	209	18 500	249	58 000
10	60	50	190	90	600	130	1 900	170	6 000	210	19 000	250	60 000
11	61,5	51	195	91	615	131	1 950	171	6 150	211	19 500	251	61 500
12	63	52	200	92	630	132	2 000	172	6 300	212	20 000	252	63 000
13	65	53	206	93	650	133	2 060	173	6 500	213	20 600	253	65 000
14	67	54	212	94	670	134	2 120	174	6 700	214	21 200	254	67 000
15	69	55	218	95	690	135	2 180	175	6 900	215	21 800	255	69 000
16	71	56	224	96	710	136	2 240	176	7 100	216	22 400	256	71 000
17	73	57	230	97	730	137	2 300	177	7 300	217	23 000	257	73 000
18	75	58	236	98	750	138	2 360	178	7 500	218	23 600	258	75 000
19	77,5	59	243	99	775	139	2 430	179	7 750	219	24 300	259	77 500
20	80	60	250	100	800	140	2 500	180	8 000	220	25 000	260	80 000
21	82,5	61	257	101	825	141	2 575	181	8 250	221	25 750	261	82 500
22	85	62	265	102	850	142	2 650	182	8 500	222	26 500	262	85 000
23	87,5	63	272	103	875	143	2 725	183	8 750	223	27 250	263	87 500
24	90	64	280	104	900	144	2 800	184	9 000	224	28 000	264	90 000
25	92,5	65	290	105	925	145	2 900	185	9 250	225	29 000	265	92 500
26	95	66	300	106	950	146	3 000	186	9 500	226	30 000	266	95 000
27	97,5	67	307	107	975	147	3 075	187	9 750	227	30 750	267	97 500
28	100	68	315	108	1 000	148	3 150	188	10 000	228	31 500	268	100 000
29	103	69	325	109	1 030	149	3 250	189	10 300	229	32 500	269	103 000
30	106	70	335	110	1 060	150	3 350	190	10 600	230	33 500	270	106 000
31	109	71	345	111	1 090	151	3 450	191	10 900	231	34 500	271	109 000
32	112	72	355	112	1 120	152	3 550	192	11 200	232	35 500	272	112 000
33	115	73	365	113	1 150	153	3 650	193	11 500	233	36 500	273	115 000
34	118	74	375	114	1 180	154	3 750	194	11 800	234	37 500	274	118 000
35	121	75	387	115	1 215	155	3 875	195	12 150	235	38 750	275	121 500
36	125	76	400	116	1 250	156	4 000	196	12 500	236	40 000	276	125 000
37	128	77	412	117	1 285	157	4 125	197	12 850	237	41 250	277	128 500
38	132	78	425	118	1 320	158	4 250	198	13 200	238	42 500	278	132 000
39	136	79	437	119	1 360	159	4 375	199	13 600	239	43 750	279	136 000

ANNESS 5

IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-QIES U L-QISIEN TAT-TAJER (SKOND IR-REGOLAMENT ECE Nru 54)

Għal din l-informazzjoni, irreferi għall-anness 5 tar-regolament ECE Nru 54

Innota li b'referenza għall-paragrafu 6.5.4 ta' dan ir-Regolament, id-dijametru ta' barra ta' tajer b'wiċċ ġdid jista', fil-każijiet kollha, ikun akbar minn dak muri fit-tabelli ta' l-Anness 5 għar-Regolament Nru 54, iżda sa mhux aktar minn 1,5 %.

ANNESS 6

IL-METODU LI BIH JITKEJLU T-TAJERS PNEWMATIĊI

1. It-tajer għandu jitwaħħal fuq ir-rimm tat-test speċifikat minn dak li jfellel il-wiċċ ta' barra tat-tajers mill-ġdid u jintnefaħ skond il-pressjoni nominali tan-nefħa kkwotata fl-Istandard tat-Tajers Internazzjonali msemmi (ara l-paragrafu 4.1.4.7 ta' dan ir-Regolament), f'relazzjoni mal-kapaċità massima tal-ġarr tat-tagħbija għal dak il-qies u l-indiċi tat-tagħbija.

2. It-tajer, imwaħħal fuq ir-rimm apposta, għandu jkun kundizzjonat għat-temperatura ta' l-ambjent tal-laboratorju għal mill-inqas 24 siegħa, ħlief fejn meħtieġ mod ieħor mill-paragrafu 6.6.3 ta' dan ir-Regolament.

3. Il-pressjoni għandha tkun aġġustata mill-ġdid għall-valur li hemm fil-paragrafu 1 ta' dan l-Anness.

4. Il-wisa' ġenerali għandha titkejjel f'sitt punti spajzati b'mod ugwali madwar it-tajer, waqt li titqies il-ħxuna ta' kwalunkwe strixxi protettivi. L-oġħla qari miksub għandu jitqies bħala l-wisa' ġenerali.

5. Id-dijametru ta' barra għandu jkun ikkalkulat mill-kejl taċ-ċirkonferenza massima tat-tajer minfuħ.

ANNESS 7

PROĊEDURA GĦAT-TESTIJIET TAT-TAGĦBIJA/VELOĊITÀ

(fil-prinċipju skond ir-regolament Nru 54)

1. It-tħejjija tat-tajer

1.1. Arma tajer b'wiċċ ġdid fuq ir-rimm tat-test speċifikat minn min ifellel il-wiċċ ta' barra tat-tajers mill-ġdid.

1.2. Uża tubu ta' ġewwa ġdid jew kumbinazzjoni ta' tubu ta' ġewwa, valv u perpura (skond kif meħtieġ) meta jkunu ttestjati tajers bit-tubu ta' ġewwa.

1.3. Onfoħ it-tajer għall-pressjoni li tikkorrispondi għall-indiċi tal-pressjoni kif speċifikat fil-paragrafu 3.2.10 ta' dan ir-Regolament.

1.4. Ikkundizzjona t-tajer u l-assemblaġġ tar-rota fit-temperatura ta' l-ambjent għal mhux inqas minn 3 siegħat.

1.5. Aġġusta mill-ġdid il-pressjoni tat-tajer għal dik speċifikata fil-paragrafu 1.3 ta' dan l-Anness.

2. Il-Proċedura tat-Test

2.1. Arma t-tajer u l-assemblaġġ tar-rota fuq il-fus tat-test u ppressah kontra l-wiċċ lixx ta' barra ta' ċilindru ta' test li jaħdem bil-qawwa, b'dijametru ta' 1.70 m ± 1 %, u li jkollu mill-inqas wiċċ wiesa' daqs il-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer. F'ċerti każijiet jista' jintuża ċilindru li jkollu dijametru ta' 2.00 m ± 1 %.

2.2. Applika għal fuq il-fus tat-test sensiela ta' tagħbijiet tat-test ugwali għal persentaġġ tat-tagħbija murija fl-Anness 4 għal dan ir-Regolament, li tikkorrispondi għall-indiċi tat-tagħbija murija fuq it-tajer, u skond il-programm tat-test hawn taħt. Fejn it-tajer ikollu indiċi ta' kapaċitajiet ta' tagħbija biex jintuża kemm f'formazzjoni waħidha jew doppja, it-tagħbija li tikkorrispondi għall-indiċi tat-tagħbija f'operat waħdu għandha tintuża għat-test.

2.2.1. Fil-każ ta' tajer li jkollu indiċi ta' tagħbija ≤ 121 u simbolu ta' veloċità ≥ Q (160 km/s), il-proċedura tat-test għandha tkun bħal dik speċifikata fil-paragrafu 3 ta' dan l-Anness.

2.2.2. Għat-tajers l-oħra kollha, il-proċedura tat-test hija kif muri fl-Appendiċi 1 għal dan l-Anness.

2.3. Il-Programm tat-Test tal-Kapaċità – Ara wkoll l-Appendiċi 1 għal dan l-Anness.

2.3.1. Il-pressjoni tat-tajer m'għandhiex tkun ikkoreġurta waqt it-test u t-tagħbija tat-test għandha tinżamm l-istess f'kull wieħed mit-tliet taqsimiet tat-test.

2.3.2. Matul it-test it-temperatura tal-kamra fejn isir it-test għandha tinżamm bejn 20 °C u 30 °C, sakemm il-manifattur tat-tajer jew min infellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers ma jaqbilx li juża temperatura oġħla.

2.4. Il-programm tat-test tal-kapaċità għandu jsir mingħajr interruzzjoni.

3. Il-proċedura tat-test tat-Tagħbija/Veloċità għal tajers b'indiċi ta' tagħbija ≤ 121 u simbolu tal-veloċità ≥ Q (160 km/s):

3.1. It-tagħbija fuq ir-rota u t-tajer għandhom ikunu tal-persentaġġ li ġej ta' dak li jikkorrispondi għall-indiċi tat-tagħbija tat-tajer:

3.1.1. 90 % meta dan ikun ittestjat fuq ċilindru b'dijametru ta' 1,70 m ± 1 %;

3.1.2. 92 % meta dan ikun ittestjat fuq ċilindru b'dijametru ta' 2.00 m ± 1 %.

3.2. Il-veloċità tal-faża tal-bidu tat-test għandha tkun 20 km/s inqas minn dik murija bis-simbolu tal-veloċità għat-tajer.

3.2.1. Il-ħin meħud biex tintlaħaq il-veloċità inizjali tat-test għandu jkunu ta' 10 min.

3.2.2. Il-ħin ta' l-ewwel faża għandu jkun ta' 10 min.

3.3. Il-veloċità tat-tieni fażi tat-test għandha tkun ta' 10 km/s inqas minn dik murija bis-simbolu tal-veloċità għat-tajer.

3.3.1. Il-ħin tat-tieni fażi għandu jkun ta' 10 min.

3.4. Il-veloċità tal-fażi ta' l-aħħar tat-test għandha tkun il-veloċità li tikkorrispondi għal dik murija bis-simbolu tal-veloċità għat-tajer.

3.4.1. Il-ħin tal-fażi finali għandha tkun ta' 30 min.

3.5. Il-ħin tat-test kollu għandu jkun ta' siegħa.

4. Metodu ekwivalenti tat-test:

Jekk jintuża metodu ta' test għajr dak deskritt fil-paragrafi 2 jew 3 ta' dan l-Anness, għandha tintwera l-ekwivalenza tiegħu.

ANNESS 7

Appendiċi 1

IL-PROGRAMM TAT-TEST TAL-KAPAĊITÀ

Indiċi tat-Tagħbija	Simbolu tal-Veloċità	Il-veloċità taċ-ċilindru tat-test [min^{-1}]		Tagħbija mpoġġija fuq ir-rota bħala persentaġġ tat-tagħbija li tikkorrispondi għall-indiċi tat-tagħbija		
		Ħxuna radjali	Ħxuna djagonali (ħxuna mxaqilba) u *bias belted*	7 h.	16 h.	24 h.
122 jew aktar	F	100	100	66 %	84 %	101 %
	G	125	100			
	J	150	125			
	K	175	150			
	L	200	–			
	M	225	–			
121 jew inqas	F	100	100			
	G	125	125			
	J	150	150			
	K	175	175			
	L	200	175	70 %	88 %	106 %
				4 h.	6 h.	
	M	250	200	75 %	97 %	114 %
	N	275	–	75 %	97 %	114 %
	P	300	–	75 %	97 %	114 %

Noti:

"Tajers ta' użu speċjali" (ara l-paragrafu 2.3.2 ta' dan ir-Regolament) għandhom jiġu ttestjati f'veloċità ugwali għal 85 % tal-veloċità preskritta għal tajers normali ekwivalenti.

ANNESS 7

Appendiċi 2

RELAZZJONI BEJN L-INDIĊI TAL-PRESSJONI U L-UNITAJIET TAL-PRESSJONI

Indiċi tal-Pressjoni ("PSI")	Linja	kPa
20	1,4	140
25	1,7	170
30	2,1	210
35	2,4	240
40	2,8	280
45	3,1	310
50	3,4	340
55	3,8	380
60	4,1	410
65	4,5	450
70	4,8	480
75	5,2	520
80	5,5	550
85	5,9	590
90	6,2	620
95	6,6	660
100	6,9	690
105	7,2	720
110	7,6	760
115	7,9	790
120	8,3	830
125	8,6	860
130	9,0	900
135	9,3	930
140	9,7	970
145	10,0	1 000
150	10,3	1 030
…	…	…

ANNESS 8

VARJAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ TAT-TAGĦBIJA MAL-VELOĊITÀ: TAJERS TA' VETTURI KUMMERĊJALI BI ĦXUNA RADJALI U DJAGONALI

(Skond ir-regolament tan-nu ece nru. 54)

Varjazzjoni tal-Kapaċità tat-Tagħbija (%)										
Veloċità (km/s)	L-indiċi kollha tat-tagħbija				Indiċi tat-tagħbija ≥ 122 (1)/		Indiċi tat-tagħbija ≤ 121 (1)/			
	Simbolu tal-veloċità				Simbolu tal-veloċità		Simbolu tal-veloċità			
	F	G	J	K	L	M	L	M	N	P (2)
0	+ 150	+ 150	+ 150	+ 150	+ 150	+ 150	+ 110	+ 110	+ 110	+ 110
5	+ 110	+ 110	+ 110	+ 110	+ 110	+ 110	+ 90	+ 90	+ 90	+ 90
10	+ 80	+ 80	+ 80	+ 80	+ 80	+ 80	+ 75	+ 75	+ 75	+ 75
15	+ 65	+ 65	+ 65	+ 65	+ 65	+ 65	+ 60	+ 60	+ 60	+ 60
20	+ 50	+ 50	+ 50	+ 50	+ 50	+ 50	+ 50	+ 50	+ 50	+ 50
25	+ 35	+ 35	+ 35	+ 35	+ 35	+ 35	+ 42	+ 42	+ 42	+ 42
30	+ 25	+ 25	+ 25	+ 25	+ 25	+ 25	+ 35	+ 35	+ 35	+ 35
35	+ 19	+ 19	+ 19	+ 19	+ 19	+ 19	+ 29	+ 29	+ 29	+ 29
40	+ 15	+ 15	+ 15	+ 15	+ 15	+ 15	+ 25	+ 25	+ 25	+ 25
45	+ 13	+ 13	+ 13	+ 13	+ 13	+ 13	+ 22	+ 22	+ 22	+ 22
50	+ 12	+ 12	+ 12	+ 12	+ 12	+ 12	+ 20	+ 20	+ 20	+ 20
55	+ 11	+ 11	+ 11	+ 11	+ 11	+ 11	+ 17,5	+ 17,5	+ 17,5	+ 17,5
60	+ 10	+ 10	+ 10	+ 10	+ 10	+ 10	+ 15,0	+ 15,0	+ 15,0	+ 15,0
65	+ 7,5	+ 8,5	+ 8,5	+ 8,5	+ 8,5	+ 8,5	+ 13,5	+ 13,5	+ 13,5	+ 13,5
70	+ 5,0	+ 7,0	+ 7,0	+ 7,0	+ 7,0	+ 7,0	+ 12,5	+ 12,5	+ 12,5	+ 12,5
75	+ 2,5	+ 5,5	+ 5,5	+ 5,5	+ 5,5	+ 5,5	+ 11,0	+ 11,0	+ 11,0	+ 11,0
80	0	+ 4,0	+ 4,0	+ 4,0	+ 4,0	+ 4,0	+ 10,0	+ 10,0	+ 10,0	+ 10,0
85	– 3	+ 2,0	+ 3,0	+ 3,0	+ 3,0	+ 3,0	+ 8,5	+ 8,5	+ 8,5	+ 8,5
90	– 6	0	+ 2,0	+ 2,0	+ 2,0	+ 2,0	+ 7,5	+ 7,5	+ 7,5	+ 7,5
95	– 10	– 2,5	+ 1,0	+ 1,0	+ 1,0	+ 1,0	+ 6,5	+ 6,5	+ 6,5	+ 6,5
100	– 15	– 5	0	0	0	0	+ 5,0	+ 5,0	+ 5,0	+ 5,0
105		– 8	– 2	0	0	0	+ 3,75	+ 3,75	+ 3,75	+ 3,75
110		– 13	– 4	0	0	0	+ 2,5	+ 2,5	+ 2,5	+ 2,5
115			– 7	– 3	0	0	+ 1,25	+ 1,25	+ 1,25	+ 1,25
120			– 12	– 7	0	0	0	0	0	0
125						0	– 2,5	0	0	0
130						0	– 5,0	0	0	0
135							– 7,5	– 2,5	0	0
140							– 10	– 5	0	0
145								– 7,5	– 2,5	0
150								– 10,0	– 5,0	0
155									– 7,5	– 2,5
160									– 10,0	– 5,0

(1) / L-indiċi tat-tagħbija jirreferu għall-operat f'formazzjoni waħidha.

(2) / Il-varjazzjonijiet tat-tagħbija mhumiex awtorizzati għal veloċitajiet 'il fuq minn 160 km/s. Għas-simbolu tal-veloċità "Q" u 'l fuq mill-veloċità li tikkorrispondi għas-simbolu tal-veloċità, speċifika l-ogħla veloċità awtorizzata għat-tajer.

ANNESS 9

FIGURA TA' SPJEGAZZJONI



"

ANNESS II

"REGOLAMENT NRU 108

DISPOŻIZZJONIJIET UNIFORMI DWAR L-APPROVAZZJONI GĦALL-PRODUZZJONI TA' TAJERS PNEWMATIĊI B'WIĊĊ ĠDID GĦALL-VETTURI KUMMERĊJALI U L-KARRIJIET TAGĦHOM

(test konsolidat)

WERREJ

REGOLAMENT

ANNESSI

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dan ir-Regolament jgħodd għall-produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid, maħsuba biex jitwaħħlu fuq vetturi privati (tal-passiġġieri) u l-karrijiet tagħhom li jintużaw fit-toroq. Dan ma jgħoddx iżda għal:

1.1. Tajers b'wiċċ ġdid għal karrozzi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom.

1.2. Tajers b'wiċċ ġdid b'kapaċità ta' veloċità taħt il-120 km/s jew 'il fuq minn 300 km/s.

1.3. Tajers għar-roti u l-muturi.

1.4. Tajers li oriġinarjament kienu prodotti mingħajr simboli tal-veloċità u indiċijiet tat-tagħbija.

1.5. Tajers li oriġinarjament kienu prodotti mingħajr l-approvazzjoni tat-tip u mingħajr il-marka "E" jew "e".

1.6. Tajers iddisinjati għat-tagħmir tal-karrozzi manifatturati qabel l-1939.

1.7. Tajers iddisinjati esklussivament għall-kompetizzjonijiet jew għall-użu *off road* u li jkunu mmarkati hekk.

1.8. Tajers żejda ta' użu temporanju tat-"tip T".

2. DEFINIZZJONIJIET – Ara wkoll il-figura fl-Anness 8

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

2.1. "Firxa ta' tajers pnewmatiċi b'wiċċ ġdid" – tfisser firxa ta' tajers pnewmatiċi b'wiċċ ġdid, kif ikkwotat fil-paragrafu 4.1.4.

2.2. "Struttura" ta' tajer pnewmatiku tfisser il-karatteristiċi tekniċi tal-qafas tat-tajer. L-istrutturi li ġejjin jingħarfu b'mod partikolari:

2.2.1. "Djagonali" jew "il-Ħxuna Mxaqilba" tiddeskrivi struttura ta' tajer pnewmatiku li fih il-kurduni tal-ħxuna jkunu jestendu għax-xoffa ta' ġewwa tat-tajer u jitpoġġew f'angoli alternati sostanzjalment ta' inqas minn 90° għal-linja ċentrali tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer.

2.2.2. "*Bias-Belted*" tiddeskrivi struttura ta' tajer pnewmatiku ta' tip djagonali (ħxuna mxaqilba) li fih il-qafas ikun stabilizzat permezz ta' ċinturin, magħmul minn żewġ saffi jew aktar ta' kurdun ta' materjal li ma jkunx jista' jitwessa wisq u li jitpoġġa f'angoli alternati qrib dawk tal-qafas tat-tajer.

2.2.3. "Radjali" tiddeskrivi struttura ta' tajer pnewmatiku li fih il-kurduni tal-ħxuna jkunu jestendu għax-xoffa ta' ġewwa tat-tajer u jitqiegħdu b'mod sostanzjali f'angolu ta' 90° għal-linja taċ-ċentru tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer. Il-qafas tat-tajer ikun stabilizzat b'ċinturin mad-dawra li essenzjalment ma jkunx jitwessa wisq.

2.3. "Kategorija ta' użu"

2.3.1. Tajer normali huwa wieħed maħsub għall-użu normali fuq it-triq biss.

2.3.2. Tajer tas-silġ huwa wieħed li l-għamla tal-wiċċ ta' barra mfellel tiegħu, jew l-għamla tal-wiċċ ta' barra mfellel u l-istruttura tiegħu, tkun iddisinjata primarjament biex tiżgura li, fit-tajn u fis-silġ frisk jew li jkun qed jinħall, jkollu turija aħjar minn wieħed normali. L-għamla tal-wiċċ ta' barra mfellel ta' tajer tas-silġ ġeneralment tikkonsisti minn kanal (strixxa) u elementi ta' materjal solidu li jkunu spazjati b'mod aktar wiesa' milli fuq tajer normali.

2.3.3. Tajer ta' użu temporanju huwa wieħed differenti minn dak li jitwaħħal fuq kwalunkwe vettura għal kundizzjonijiet ta' sewqan normali; dan huwa maħsub biss għal użu temporanju taħt kundizzjonijiet ristretti ta' sewqan.

2.3.4. Tajer żejjed ta' użu temporanju tat-tip "T" huwa tip ta' tajer żejjed ta' użu temporanju biex jintuża fi pressjonijiet ta' nefħa ogħla minn dawk stabbiliti għal tajers standard u rinfurzati.

2.4. "Ix-xoffa ta' ġewwa tat-tajer" tfisser il-parti ta' tajer pnewmatiku li tkun ta' tali għamla u struttura li tkun toqgħod ġor-rimm u żżomm it-tajer fuqha.

2.5. "Kurdun" tfisser il-ħjut li jiffurmaw il-fibra tal-ħxuniet tat-tajer pnewmatiku.

2.6. "Ħxuna" tfisser saff ta' kurduni paralleli mgħottija tal-"gomma".

2.7. "Ċinturin" tapplika għal ħxuna radjali jew tajer bi ħxuna mxaqilba u tfisser saff jew saffi ta' materjal jew materjali taħt il-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer, impoġġi b'mod sostanzjali fid-direzzjoni tal-linja taċ-ċentru tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer biex jirrestrinġi l-qafas f'direzzjoni ċirkonferenzjali.

2.8. "Interruttur" tapplika għal tajer ta' ħxuna djagonali u tfisser il-ħxuna tan-nofs bejn il-qafas u l-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer.

2.9. "*Chafer*" tfisser materjal fil-parti tax-xoffa ta' ġewwa tat-tajer biex tipproteġi l-qafas kontra kull għerik jew brix mir-rimm tar-rota.

2.10. "Qafas" tfisser dik il-parti sturtturali ta' tajer pnewmatiku, ħlief il-wiċċ ta' barra mfellel u l-"gomma" ta' barra nett tal-ħitan tal-ġnub li, meta jintnefaħ, ikun jiflaħ għat-tagħbija.

2.11. "Il-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer" tfisser dik il-parti ta' tajer pnewmatiku li jkun imfassal biex ikollu kuntatt ma' l-art, jipproteġi l-qafas kontra kull ħsara teknika u jgħin biex it-tajer jaqbad ma' l-art.

2.12. "Il-ħajt tal-ġenb" tfisser il-parti ta' tajer pnewmatiku bejn il-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer u l-parti maħsuba biex tgħatti l-flanġ tar-rimm.

2.13. "Il-parti t'isfel tat-tajer" tfisser dik il-parti inkluża bejn il-linja tal-wisa' massima tas-sezzjoni tat-tajer u l-parti mfassla biex tkun mgħottija bix-xifer tar-rimm.

2.14. "Il-kanal tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer" tfisser l-ispazju bejn l-istrixxi jew il-blokki ħdejn xulxin fid-disinn tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer.

2.15. "Il-kanali ewlenin" tfisser il-kanali wesgħin li jkunu fil-parti ċentrali tal-wiċċ ta' barra, li jkopri madwar tliet kwarti tal-wisa' tal-wiċċ ta' barra.

2.16. "Il-wisa' tas-sezzjoni" tfisser id-distanza lineari bejn il-parti ta' barra tal-ħitan tal-ġenb ta' tajer pnewmatiku minfuħ, meta dan jitwaħħal fuq ir-rimm ta' ċertu qies speċifiku, iżda li teskludi l-elevazzjonijiet minħabba t-tikketti (immarkar), id-dekorazzjoni jew l-istrixxi jew kanali protettivi.

2.17. "Il-wisa' ġenerali" tfisser id-distanza lineari bejn il-parti ta' barra tal-ħitan tal-ġnub ta' tajer pnewmatiku minfuħ, meta dan jitwaħħal fuq rimm ta' qies speċifiku, u tinkludi it-tikketti (immarkar), id-disinn jew l-istrixxi jew kanali protettivi.

2.18. "L-għoli tas-sezzjoni" tfisser distanza ugwali għal nofs id-differenza bejn id-dijametru ta' barra tat-tajer u d-dijametru nominali tar-rimm.

2.19. "Il-proporzjon ta' l-aspett nominali" ifisser mitt darba aktar min-numru miksub billi tiddividi n-numru li jesprimi l-għoli nominali tas-sezzjoni bin-numru li jesprimi l-wisa' nominali tas-sezzjoni, fejn iż-żewġ figuri jkunu fl-istess unitajiet.

2.20. "Id-dijametru ta' barra" tfisser id-dijametru ġenerali ta' tajer minfuħ li jkun għadu kif kellu l-wiċċ ta' barra mfellel mill-ġdid.

2.21. "Il-klassifikazzjoni tal-qies tat-tajer" tfisser klassifikazzjoni li turi:

2.21.1. Il-wisa' nominali tas-sezzjoni. Din trid tkun imfissra f'millimetri, ħlief fil-każijiet ta' tajers li l-klassifikazzjoni tal-qies tagħhom tidher fl-ewwel kolonna tat-tabelli li hemm fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament.

2.21.2. Il-proporzjon ta' l-aspett nominali, ħlief fil-każ ta' tajers li għalihom l-għażla tal-qies tidher fl-ewwel kolonna tat-tabelli li hemm fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament.

2.21.3. Numru konvenzjonali "d" (is-simbolu "d") li juri d-dijametru nominali tar-rimm u li jikkorrispondi għad-dijametru ta' dan imfisser jew permezz ta' kodiċi (numri taħt il-100) jew f'millimetri (numri aktar minn 100). In-numri li jikkorrispondu għaż-żewġ tipi ta' kejl jistgħu jintużaw fil-klassifikazzjoni.

2.21.3.1. Il-valuri tas-simboli "d" imfissra f'millimetri qed jidhru hawn taħt:

Kodiċi tad-Dijametru Nominali tar-Rimm – "d"	Valur tas-simbolu "d" imfisser f'mm
8	203
9	229
10	254
11	279
12	305
13	330
14	356
15	381
16	406
17	432
18	457
19	483
20	508
21	533

2.22. "Id-dijametru nominali tar-rimm (d)" ifisser id-dijametru tar-rimm li fuqu tajer ikun imfassal biex jitwaħħal.

2.23. "Rimm" ifisser l-appoġġ, jew għal assemblaġġ ta' tajer u tubu jew għal tajer mingħajr tubu, li fuqu titpoġġa x-xoffa ta' ġewwa tat-tajer.

2.24. "Ir-rimm tal-kejl" ifisser ir-rimm speċifikat bħala 'l-wisa' tal-kejl tar-rimm' jew 'il-wisa' tad-disinn tar-rimm' għal klassifikazzjoni partikolari tal-qies ta' tajer fi kwalunkwe edizzjoni ta' wieħed mill-Istandards Internazzjonali tat-Tajers jew aktar.

2.25. "Ir-rimm tat-test" ifisser kwalunkwe rimm speċifikat bħala approvat jew rakkomandat jew awtorizzat f'xi wieħed mill-Istandards Internazzjonali tat-Tajers għal tajer ta' dik il-klassifikazzjoni ta' qies u tip.

2.26. "Standard Internazzjonali tat-Tajers" ifisser kwalunkwe wieħed mid-dokumenti standard li ġejjin:

(a) L-Organizzazzjoni Teknika Ewropea tat-Tajers u r-Rimmijiet (ETRTO) ([1]): "Il-Manwal ta' l-Istandards"

(b) L-Organizzazzjoni Teknika Ewropea tat-Tajers u r-Rimmijiet (ETRTO) ([1]): "Tagħrif ta' Inġinerija dwar id-Disinn – data skaduta"

(ċ) The Tire and Rim Association Inc. (l-Assoċjazzjoni tat-Tajers u r-Rimmijiet) (TRA) ([2]): "Il-Ktieb tas-Sena"

(d) L-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi tat-Tajers tal-Karrozzi tal-Ġappun (JATMA) ([3]): "Il-Ktieb tas-Sena"

(e) L-Assoċjazzjoni tat-Tajers u r-Rimmijiet ta' l-Awstralja (TRAA) ([4]): "Il-Manwal ta' l-Istandards"

(f) L-Assiciaçao Brasileira de Pneus e Aros (ABPA) ([5]): "Manual de Normal Technicas"

(ġ) L-Organizzazzjoni Skandinava tat-Tajers u r-Rimmijiet (STRO) ([6]): "Ktieb ta' Tagħrif"

2.27. "Tkissir fi bċejjeċ" tfisser it-tkissir ta' bċejjeċ ta' gomma mill-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer.

2.28. "Is-separazzjoni tal-kurdun" tfisser il-firda tal-kurduni mill-għâta tal-gomma tagħhom.

2.29. "Is-separazzjoni tal-ħxuna" tfisser il-firda ta' ħxuniet minn maġenb xulxin.

L-istandards tat-tajer jistgħu jinkisbu mill-indirizzi li ġejjin:

([1]) ETRTO, 32 Av. Brugmann – Bte 2, B-1060 Brussell, Il-Belġju

([2]) TRA, 175 Montrose West Avenue, Suite 150, Copley, Ohio, 44321 L-Istati Uniti ta' l-Amerika

([3]) JATMA, 9th Floor, Toranomon Building No. 1-12, 1-Chome Toranomon Minato-ku, Tokyo 105, Il-Ġappun

([4]) TRAA, Suite 1, Hawthorn House, 795 Glenferrie Road, Hawthorn, Victoria, 3122 L-Awstralja

([5]) ABPA, Avenida Paulista 244-12º Andar, CEP, 01310 Sao Paulo, SP Il-Brażil

([6]) STRO, Älggatan 48 A, Nb, S-216 15 Malmö, L-Isvezja

2.30. "Is-separazzjoni tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer" tfisser it-tneħħija tal-wiċċ ta' barra mfellel mill-qafas tat-tajer.

2.31. "Indikaturi ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra" tfisser l-isporġenzi fil-kanali tal-wiċċ imfellel ta' barra biex jagħtu indikazzjonijiet li jidhru dwar il-grad ta' użu tal-wiċċ imfellel ta' barra.

2.32. "Deskrizzjoni tas-servizz" tfisser l-indiċi tat-tagħbija u s-simbolu tal-veloċità tat-tajer meħudin flimkien b'mod speċifiku.

2.33. "L-indiċi tat-tagħbija" tfisser kodiċi numeriku li juri t-tagħbija massima li t-tajer jista' jgħabbi.

Il-lista ta' indiċijiet tat-tagħbija u t-tagħbijiet li jikkorrispondu magħhom jidhru fl-Anness 4 ta' dan ir-Regolament.

2.34. "Simbolu tal-veloċità" ifisser:

2.34.1. Simbolu alfabetiku li juri l-veloċità li fiha t-tajer jista' jgħabbi t-tagħbija mogħtija mill-indiċi tat-tagħbija assoċjat miegħu.

2.34.2. Is-simboli tal-veloċità u l-veloċitajiet li jikkorrispondu magħhom qed jidhru fit-tabella t'hawn taħt:

Simbolu tal-veloċità	L-Ogħla Veloċità li tikkorrispondi miegħu (km/s)
L	120
M	130
N	140
P	150
Q	160
R	170
S	180
T	190
U	200
H	210
V	240
W	270
Y	300

2.35. "Ir-rata tat-tagħbija massima" tfisser il-massa massima li t-tajer jista' jiflaħ.

2.35.1. Għal veloċitajiet li ma jaqbżux il-210 km/s, ir-rata tat-tagħbija massima m'għandhiex tkun aktar mill-valur li jikkorrispondi għall-indiċi tat-tagħbija tat-tajer.

2.35.2. Għal veloċitajiet li jaqbżu il-210 km/s, iżda mhux aktar minn 300 km/s, ir-rata tat-tagħbija massima m'għandhiex tkun aktar mill-persentaġġ tal-valur assoċjat ma' l-indiċi tal-kapaċità tat-tagħbija tat-tajer, muri fit-tabella t'hawn taħt, b'referenza għall-kapaċità tal-veloċità tal-vettura li fuqha jitwaħħal it-tajer:

Simbolu tal-veloċità tat-tajer	Veloċità massima – km/s	Rata ta' tagħbija massima - %
V	210	100,0
	215	98,5
	220	97,0
	225	95,5
	230	94,0
	235	92,5
	240	91,0
W	240	100
	250	95
	260	90
	270	85

Simbolu tal-veloċità tat-tajer	Veloċità massima – km/s	Rata ta' tagħbija massima - %
Y	270	100
	280	95
	290	90
	300	85

Għal veloċitajiet massimi intermedji, interpolazzjoni lineari tar-rata massima tat-tagħbija hija awtorizzata.

2.36. "Faċilità ta' produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid" tfisser post jew grupp ta' siti lokalizzati fejn ikunu manifatturati tajers b'wiċċ ġdid.

2.37. "It-tfellil mill-ġdid fuq il-wiċċ ta' barra" tfisser terminu ġeneriku għar-rikundizzjonar ta' tajers użati billi jinbidlulhom il-wiċċ mikul ta' barra b'wieħed ġdid. Dan jista' jinkludi wkoll ir-rinnovament tal-wiċċ l-aktar ta' barra tal-ħitan tal-ġnub. Dan ikopri l-metodi ta' proċess li ġejjin:

2.37.1. "Il-*capping* ta' fuq" – il-bdil tal-wiċċ ta' barra;

2.37.2. "Il-*capping* mill-ġdid" – il-bdil tal-wiċċ ta' barra fejn il-materjal il-ġdid jibqa' sejjer għal fuq parti mill-ħitan tal-ġenb;

2.37.3. "Xoffa għal xoffa" – il-bdil tal-wiċċ ta' barra u t-tiġdid tal-ħajt tal-ġenb, inkluża parti min-naħa t'isfel, jew in-naħa t'isfel kollha, tat-tajer.

2.38. "*Casing*" huwa t-tajer mikul li jinkludi l-qafas u l-wiċċ ta' barra u l-materjal tal-ħitan tal-ġnub li jkun għad fadal.

2.39. "Tindif" huwa l-proċess biex jitneħħa l-materjal il-qadim mill-*casing* biex jitħejja l-wiċċ għall-materjal il-ġdid.

2.40. "Tiswija" huwa x-xogħol rimedjali li jsir fuq *casings* bil-ħsara fil-limiti magħrufa.

2.41. "Il-materjal tat-tiflil tal-wiċċ ta' barra" huwa materjal f'kundizzjoni li tkun tajba biex jitqiegħed minflok il-wiċċ mikul. Dan jista' jkun f'diversi forom, bħal per eżempju:

2.41.1. "*Camel-back*" – strixxi ta' materjal maqtugħin minn qabel li jkunu ngħataw is-sura tal-profil sezzjonali meħtieġ u wara jitwaħħlu mingħajr l-użu ta' sħana mal-*casing* imħejji. Il-materjal il-ġdid għandu jkun vulkanizzat.

2.41.2. "Mkebbeb bl-istrixxi" – strixxa ta' materjal għat-tiflil tal-wiċċ ta' barra li tingħata s-sura direttament u titkebbeb għal fuq il-*casing* imħejji u li jinbnew sal-kontorn sezzjonali meħtieġ. Il-materjal il-ġdid irid jiġi vulkanizzat.

2.41.3. "L-għoti dirett ta' sura" – materjal tat-tiflil tal-wiċċ ta' barra li jitneħħa biex jintlaħaq il-profil sezzjonali meħtieġ u li jingħata sura direttament għal fuq il-*casing* imħejji. Il-materjal il-ġdid għandu jkun vulkanizzat.

2.41.4. "Vulkanizzat minn qabel" – wiċċ tat-tiflil ta' barra li ġie ffurmat u vulkanizzat minn qabel li jiġi applikat direttament għall-*casing* imħejji. Il-materjal il-ġdid għandu jingħaqad mal-*casing*.

2.42. "Il-kisja tal-ħajt tal-ġenb" huwa materjal użat biex jgħatti l-ħitan tal-ġenb tal-*casing* biex b'hekk ikunu jistgħu jsiru l-marki meħtieġa.

2.43. "Gomma tal-kuxxin" huwa materjal użat bħala saff biex jgħaqqad il-wiċċ mfellel ta' barra l-ġdid u l-*casing* u biex jissewwew ħsarat żgħar.

2.44. "Siment" huwa sustanza likwida adeżiva biex iżomm materjali ġodda f'posthom qabel il-proċess ta' vulkanizzar.

2.45. "Vulkanizzar" huwa terminu użat biex jiddeskrivi l-bdil fil-karatteristiċi fiżiċi tal-materjal il-ġdid li s-soltu jsir bl-applikazzjoni tas-sħana u l-pressjoni għal perijodu stabbilit ta' ħin taħt kundizzjonijiet kontrollati.

2.46. "Differenza radjali" tfisser il-varjazzjoni fir-radju tat-tajer imkejjel madwar iċ-ċirkonferenza esterna tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer.

2.47. "Żbilanċ" ifisser il-kejl tal-varjazzjoni fil-firxa tal-massa madwar l-assi ċentrali tat-tajer. Dan jista' jitkejjel jew bħala żbilanċ "Statiku" jew "Dinamiku".

3. IMMARKAR

3.1. Eżempju ta' l-arranġament ta' marki fuq tajer b'wiċċ ġdid qed jidher fl-Anness 3 għal dan ir-Regolament.

3.2. It-tajers b'wiċċ ġdid għandhom juru fuq iż-żewġ ħitan tal-ġenb, fil-każ ta' tajers simetriċi, u mill-anqas fuq il-ħajt tal-ġenb ta' barra fil-każ ta' tajers mhux simetriċi:

3.2.1. L-isem tad-ditta jew il-marka tal-fabbrika;

3.2.2. Il-klassifikazzjoni tal-qies tat-tajer kif definit fil-paragrafu 2.21;

3.2.3. Indikazzjoni ta' l-istruttura kif ġej:

3.2.3.1. Fuq tajers djagonali (ħxuna mxaqilba); l-ebda indikazzjoni, jew l-ittra "D" impoġġija fuq quddiem tal-marka fuq id-dijametru tar-rimm;

3.2.3.2. Fuq tajers bi ħxuna radjali; l-ittra "R" impoġġija fuq quddiem tal-marka fuq id-dijametru tar-rimm, u, jekk mixtieq, il-kelma "RADIAL";

3.2.3.3. Fuq tajers *bias belted*, l-ittra "B" impoġġija fuq quddiem tal-marka fuq id-dijametru tar-rimm flimkien mal-kliem "BIAS-BELTED";

3.2.4. Id-deskrizzjoni tas-servizz li tinkludi:

3.2.4.1. Indikazzjoni tal-kapaċità tat-tagħbija nominali tat-tajer fil-forma ta' l-indiċi tat-tagħbija preskritt fil-paragrafu 2.33;

3.2.4.2. Indikazzjoni tal-kapaċità tal-veloċità nominali tat-tajer fil-forma tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 2.34.

3.2.5. Il-kelma "TUBELESS" jekk it-tajer huwa magħmul għal użu mingħajr it-tubu ta' ġewwa.

3.2.6. Il-kelmiet M+S jew MS jew M.S. jew M & S fil-każ ta' tajer tas-silġ.

3.2.7. Id-data meta l-wiċċ ta' barra tat-tajer tfellel mill-ġdid, kif ġej:

3.2.7.1. Sal-31 ta' Diċembru 1999; jew kif spjegat fil-paragrafu 3.2.7.2. jew fil-forma ta' grupp ta' tliet figuri, l-ewwel tnejn juru n-numru tal-ġimgħa, waqt li t-tielet is-sena tad-deċennju tal-manifattura. Il-kodiċi tad-data jista' jkopri perijodu ta' produzzjoni li jibda mill-ġimgħa murija bin-numru tal-ġimgħa sa, u li jinkludi, in-numru tal-ġimgħa miżjud bi tlieta. Per eżempju, il-marka "253" tista' turi tajer b'wiċċ ġdid li sar fil-ġimgħat 25, 26, 27 jew 28 tas-sena 1993.

Il-kodiċi tad-data għandu jkun immarkat fuq wieħed mill-ħitan tal-ġenb biss.

3.2.7.2. Mill-1 ta' Jannar 2000; fil-forma ta' grupp ta' erba' figuri, l-ewwel tnejn juru l-ġimgħa u t-tieni tnejn juru s-sena li fiha it-tajer kellu l-wiċċ ta' barra mfellel mill-ġdid. Il-kodiċi tad-data jista' jkopri perijodu ta' produzzjoni mill-ġimgħa murija bin-numru tal-ġimgħa sa, u li jinkludi, il-ġimgħa u tlieta oħra. Per eżempju, il-marka "2503" tista' turi tajer b'wiċċ ġdid li jkun sar fil-ġimgħat 25, 26, 27 jew 28 tas-sena 2003.

Il-kodiċi tad-data għandu jkun immarkat fuq wieħed mill-ħitan tal-ġenb biss.

3.2.8. It-terminu "RETREAD" jew "REMOULD" (wara l-1 ta' Jannar 1999 il-kelma "RETREAD" biss għandha tintuża). Fuq it-talba ta' min jagħmel it-tajers b'wiċċ ġdid, jista' jiżdied l-istess terminu f'lingwi oħra.

3.3. Qabel ma jkunu approvati, it-tajers għandhom juru spazju liberu sostanzjalment kbir, li fih tkun tista' titpoġġa marka ta' l-approvazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 5.8. u kif muri fl-Anness 2 għal dan ir-Regolament.

3.4. Wara l-approvazzjoni, il-marki msemmija fil-paragrafu 5.8. u murija fl-Anness 2 għal dan ir-Regolament, għandhom jitwaħħlu fl-ispazju liberu msemmi fil-paragrafu 3.3. Din il-marka għandha titwaħħal fuq wieħed mill-ħitan tal-ġenb biss.

3.5. Il-marki msemmija fil-paragrafu 3.2. u l-marka ta' l-approvazzjoni preskritta fil-paragrafi 3.4. u 5.8 għandhom ikunu jinqraw b'mod ċar u jkunu ffurmati fuq jew fit-tajer jew inkella jkunu mmarkati b'mod permanenti fuq it-tajer.

3.6. Sakemm kwalunkwe mill-ispeċifikazzjonijiet oriġinali tal-manifattur ikunu għadhom jinqraw wara li jkun sar il-wiċċ ta' barra mfellel mill-ġdid fuq it-tajer, dawn għandhom jibqgħu jitqiesu bħala speċifikazzjonijiet tal-manifattur tat-tajers b'wiċċ ġdid għal dak it-tajer. Jekk dawn l-ispeċifikazzjonijiet oriġinali ma jkunux jgħoddu wara li jkun sar il-wiċċ ta' barra mfellel mill-ġdid tat-tajer, dawn għandhom jitneħħew kompletament.

3.7. Il-marka ta' l-approvazzjoni oriġinali "E" jew "e" u n-numru ta' l-approvazzjoni għandhom jitneħħew.

4. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

Il-proċeduri li ġejjin jgħoddu għall-approvazzjoni ta' faċiltà ta' produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid:

4.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' faċiltà ta' produzzjoni għandha tkun sottomessa mill-possessur ta' l-isem kummerċjali jew tal-marka tal-fabbrika li tkun se titwaħħal fuq it-tajer, jew inkella mir-rappreżentant akkreditat kif suppost. Din għanda tispeċifika:

4.1.1. Deskrizzjoni ġenerali ta' l-istruttura tal-faċiltà li tipproduċi t-tajers b'wiċċ ġdid.

4.1.2. Deskrizzjoni fil-qosor tas-sistema tat-tmexxija tal-kwalità, li tiżgura li l-kontroll effettiv tal-proċeduri tat-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers jkunu qed jilħqu tabilħaqq il-kriterji ta' dan ir-Regolament.

4.1.3. L-ismijiet jew il-marki kummerċjali li għandhom jitwaħħlu fuq it-tajers b'wiċċ ġdid li jiġu manifatturati.

4.1.4. It-tagħrif li ġej dwar il-firxa ta' tajers b'wiċċ ġdid:

4.1.4.1. il-firxa tal-qisien tat-tajers;

4.1.4.2. l-istruttura tat-tajers (djagonali jew bi ħxuna mxaqilba, *bias-belted* jew radjali);

4.1.4.3. il-kategorija ta' l-użu tat-tajers (tajers normali jew tas-silġ eċċ.);

4.1.4.4. is-sistema tat-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers u l-metodu ta' l-applikazzjoni tal-materjali l-ġodda li għandhom jintużaw, kif definit fil-paragrafi 2.37 u 2.41;

4.1.4.5. is-simbolu ta' l-ogħla veloċità tat-tajers li għandu jkollhom il-wiċċ ta' barra mfellel mill-ġdid;

4.1.4.6. l-indiċi ta' l-ogħla tagħbija tat-tajers li għandu jkollhom il-wiċċ ta' barra mfellel mill-ġdid;

4.1.4.7. l-Istandard tat-Tajer Internazzjonali magħżul li għalih tkun tgħodd il-firxa tat-tajers.

5. L-APPROVAZZJONI

5.1. Għal tajers b'wiċċ ġdid, jeħtieġ li l-faċiltà tal-produzzjoni ta' dawn it-tajers tikseb l-approvazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni skond il-kriterji ta' dan ir-Regolament. L-awtorità li tapprova għandha tieħu l-miżuri meħtieġa, kif deskritt f'dan ir-Regolament, biex tiżgura li t-tajers b'wiċċ ġdid fil-faċiltà tal-produzzjoni rispettiva tabilħaqq tilħaq il-kriterji msemmija f'dan ir-Regolament. Il-faċiltà tal-produzzjoni tat-tajers b'wiċċ ġdid għandha tkun totalment responsabbli biex tiżgura li dawn it-tajers ikunu jilħqu tabilħaqq il-kriterji ta' dan ir-Regolament u li dawn ikollhom turija xierqa meta jintużaw b'mod normali.

5.2. Barra mill-kriterji normali għall-valutazzjoni tal-bidu ta' din il-faċiltà tal-produzzjoni, l-awtorità li tapprova għandha tkun sodisfatta li d-dokumentazzjoni tal-proċeduri, l-operat, l-istruzzjonijiet u ta' l-ispeċifikazzjonijiet pprovduti mill-forniturі tal-materjal ikunu f'lingwa li tkun tista' tiftiehem mill-ewwel mill-operaturi tal-faċiltà tal-produzzjoni tat-tajers b'wiċċ ġdid.

5.3. L-awtorità li tapprova għandha tiżgura li d-dokumenti tal-proċedura u l-operat għal kull taqsima ta' produzzjoni jkun fihom speċifikazzjonijiet li jkunu xierqa għall-materjali tat-tiswija u l-proċessi li jintużaw, dwar il-limiti ta' ħsara li tista' tissewwa jew il-penetrazzjonijiet li jistgħu jsiru fil-qafas tat-tajer, dwar jekk din il-ħsara tkunx teżisti jew tkunx ikkawżata matul il-proċessi ta' tħejjija għat-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajer.

5.4. Qabel ma tagħti l-approvazzjoni tagħha, l-awtorità għandha tkun sodisfatta li t-tajers b'wiċċ ġdid ikunu konformi ma' dan ir-Regolament u li t-testijiet meħtieġa skond il-paragrafi 6.7. u 6.8 ikunu saru b'suċċess fuq mill-anqas 5 u mhux neċessarjament aktar minn 20 kampjun ta' tajers b'wiċċ ġdid li jkunu jirrappreżentaw il-firxa ta' tajers manifatturati fil-faciltà tal-produzzjoni ta' dawn it-tajers.

5.5. Fil-każ li jkun hemm riżultat negattiv matul il-provi, għandhom ikunu ttestjati żewġ kampjuni oħra ta' l-istess speċifikazzjoni ta' tajer. Jekk wieħed minn dawn il-kampjuni jew inkella t-tnejn ifallu, għandhom ikunu sottomessi għall-aħħar darba u jiġu ttestjati żewġ kampjuni oħra. Jekk wieħed minn dawn il-kampjuni jew it-tnejn ifallu, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-taqsima tal-produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid għandha tiġi miċħuda.

5.6. Jekk il-kriterji kollha ta' dan ir-Regolament ikunu ntlaħqu, l-approvazzjoni għandha tingħata u għandu jingħata numru ta' l-approvazzjoni għal kull faciltà ta' produzzjoni ta' dawn it-tajers li tkun ġiet approvata. L-ewwel żewġ figuri ta' dan in-numru għandhom juru s-serje ta' l-emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi kbar u riċenti għar-Regolament meta tkun ħarġet l-approvazzjoni. In-numru ta' l-approvazzjoni għandu jkun ippreċedut bis-simbolu "108R", li jfisser li l-approvazzjoni tgħodd għal tajer b'wiċċ ġdid kif preskritt f'dan ir-Regolament.

L-istess awtorità ma tistax tassenja l-istess numru lil taqsima ta' produzzjoni oħra li tkun koperta b'dan ir-Regolament.

5.7. L-avviż ta' l-approvazzjoni jew ta' l-estensjoni, ir-rifjut jew it-tneħħija ta' l-approvazzjoni jew tal-produzzjoni li ma tkunx baqgħet issir skond dan ir-Regolament għandu jkun komunikat lill-Partijiet tal-Ftehim ta' l-1958 li japplika dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell li jidher fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

5.8. Fuq kull tajer li jkun konformi ma' dan ir-Regolament, fl-ispazju msemmi fil-paragrafu 3.3, u f'żieda mal-marki preskritti fil-paragrafu 3.2, għandha titwaħħal b'mod li jidher sew marka internazzjonali ta' l-approvazzjoni li tkun tikkonsisti minn:

5.8.1. Ċirku li jdur ma' l-ittra "E" segwit bin-numru distintiv tal-pajjiż li jkun ħareġ l-approvazzjoni ([1]); u

5.8.2. Numru ta' l-approvazzjoni kif deskritt fil-paragrafu 5.6.

5.9. L-Anness 2 għal dan ir-Regolament juri eżempju ta' l-arranġamenti tal-marka ta' l-approvazzjoni.

6. IL-KRITERJI

6.1. It-tajers m'għandhomx ikunu aċċettati għall-ewwel tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra sakemm dawn ma jkunux tat-tip approvat u jkollhom il-marka "E" jew "e", ħlief li dan il-kriterju m'għandux ikun obbligatorju sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2000.

6.1.1. Tajers ta' veloċità għolja li jkollhom biss il-marka "ZR" fl-għażla tal-qies tat-tajer u ma jkollhomx deskrizzjoni tas-servizz, ma jistax ikollhom il-wiċċ ta' barra tgħhom imfellel mill-ġdid.

6.2. It-tajers bil-wiċċ ta' barra tagħhom diġà mfellel mill-ġdid m'għandhomx ikunu aċċettati għal aktar tfellil mill-ġdid.

6.3. L-età tal-*casing* aċċettat għat-tfellil mill-ġdid m'għandux ikun aktar minn 7 snin; dan għandu jkun ibbażat fuq il-figuri li juru s-sena tal-manifattura tat-tajer oriġinali; eż. tajer immarkat b'kodiċi ta' data "253" jista' jkun aċċettat għat-tfellil mill-ġdid sa l-aħħar tas-sena 2000.

6.4. Il-kundizzjonijiet qabel it-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers:

6.4.1. It-tajers għandhom ikunu nodfa u nexfin qabel l-ispezzjoni.

6.4.2. Qabel it-tindif, kull tajer għandu jkun eżaminat sew kemm minn ġewwa u kemm minn barra biex ikun żgurat li l-wiċċ ta' barra tat-tajer ikun jista' jitfellel mill-ġdid.

([1]) 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Olanda, 5 għall-Iżvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għall-Jugoslavja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Iżvizzera, 15 (vakanti), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakja, 28 għall-Belarus, 29 għall-Estonja, 30 (vakanti), 31 għall-Bosnia u Ħerzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (vakanti), 34 għall-Bulgarija, 35 (vakanti), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (vakanti), 39 għall-Ażerbajġan, 40 għall-*ex* Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (vakanti), 42 għall-Komunità Ewropea (l-approvazzjonijiet jinġataw mill-Istati Membri tagħha waqt li jużaw is-simbolu ECE rispettiv tagħhom) u 43 għall-Ġappun. Numri sussegwenti għandhom jinġataw lil pajjiżi oħra f'ordni kronoloġiku skond kif dawn ikunu rratifikaw jew daħlu jiffurmaw parti mill-Ftehim Dwar l-Adozzjoni tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi għar-Roti, Tagħmir u Partijiet ta" Vetturi li jkunu jistgħu Jitwaħħlu u/jew Jintużaw fuq Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għall-Għarfien Reċiproku ta' l-Approvazzjonijiet Mogħtija fuq il-Bażi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet. In-numri li jkunu assenjati għandhom ikunu komunikati mis-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti għal dan il-Ftehim.

6.4.3. It-tajers li jkollhom ħsara li tidher u li tkun ġejja minħabba tagħbija żejda jew nuqqas ta' nefħa m'għandux jerġa' jitfellel mill-ġdid.

6.4.4. It-tajers li juru kull wieħed minn dawn it-tipi ta' ħsarat m'għandhomx ikunu aċċettati biex il-wiċċ ta' tagħhom jerġa' jitfellel mill-ġdid:

6.4.4.1. (a) qsim estensiv li jibqa' sejjer għal ġol-qafas;

(b) penetrazzjonijiet fil-qafas jew ħsara fil-*casing* 'il fuq mis-simbolu tal-veloċità "H", ħlief fejn dawn il-*casings* sejrin jingħataw simbolu ta' veloċità aktar baxx;

(ċ) tiswijiet ta' qabel barra l-limiti speċifikati ta' ħsara – ara l-paragrafu 5.3;

(d) ksur fil-qafas;

(e) attakk sostanzjali minħabba xi żejt jew kimika;

(f) ħafna ksur qrib xulxin;

(g) ix-xoffa ta' ġewwa bil-ħsara jew miksur;

(h) deterjorazzjoni tal- jew ħsara fl-inforra li ma tissewwix;

(i) ħsara fix-xoffa ta' ġewwa, ħlief ħsara żgħira fil-"gomma" biss;

(j) kurduni esposti minħabba l-użu żejjed tal-wiċċ imfellel ta' barra jew brix fil-ħitan tal-ġenb;

(k) separazzjoni tal-materjal tal-wiċċ ta' barra mfellel jew tal-ħitan tal-ġenb minn mal-qafas b'mod li ma jissewwix;

(l) ħsara strutturali fiż-żona tal-ħitan tal-ġenb.

6.4.5. Qafas ta' tajer bi ħxuna radjali li jkollu separazzjoni fiċ-ċinturin, ħlief għal meta jkun maħlul xi ftit it-tarf taċ-ċinturin, m'għandux ikun aċċettat għat-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra.

6.5. Preparazzjoni:

6.5.1. Wara t-tindif, u qabel l-applikazzjoni tal-materjal il-ġdid, kull tajer għandu jkun eżaminat mill-ġdid, almenu minn barra, biex ikun żgurat li dan ikun għadu tajjeb biex il-wiċċ ta' barra tiegħu jitfellel mill-ġdid.

6.5.2. Il-wiċċ kollu li fuqu jkun applikat il-materjal il-ġdid għandu jkun tħejja mingħjr ebda sħana żejda. Il-fibra tal-wiċċ imnaddaf m'għandhiex ikollha laċerazzjonijiet fondi ta' tindif jew materjal maħlul.

6.5.3. Fejn ikollu jintuża materjal vulkanizzat minn qabel, il-kontorn tal-parti ppreparata għandu jilħaq il-kriterji tal-manifattur tal-materjal.

6.5.4. Truf ta' kurduni maħlula ma jistgħux jintużaw.

6.5.5. Il-kurduni tal-*casing* m'għandhom jiġrilhom l-ebda ħsara waqt il-proċess tal-preparazzjoni.

6.5.6. Ħsara kkawżata liċ-ċinutrin ta' tajers radjali minħabba t-tindif għandha tkun limitata għal ħsara lokalizzata għall-iktar saff ta' barra biss.

6.5.7. Il-limiti ta' ħsara għal tajers bi ħxuna djagonali kkawżata mit-tindif għandhom ikunu kif ġej:

6.5.7.1. Għal kostruzzjoni ta' ħxuna doppja, m'għandu jkun hemm l-ebda ħsara fil-qafas, ħlief għal ħsara żgħira u lokalizzata kkawżata mit-tindif fir-rabta tal-*casing*.

6.5.7.2. Għal kostruzzjoni ta' ħxuna doppja u interruttur ta' tajers bla tubu, m'għandu jkun hemm l-ebda ħsara fil-qafas u l-interruttur.

6.5.7.3. Għal kostruzzjoni ta' ħxuna doppja u interruttur ta' tajres bit-tubu, ħsara lokalizzata fl-interruttur hija awtorizzata.

6.5.7.4. Għal kostruzzjoni ta' ħxuna ta' erba' darbiet jew aktar ta' tajers bla tubu, m'għandu jkun hemm l-ebda ħsara fil-qafas jew l-interruttur.

6.5.7.5. Għal kostruzzjoni ta' ħxuna ta' erba' darbiet jew aktar ta' tajers bit-tubu, il-ħsara għandha tkun limitata għall-iktar ħxuna ta' barra fil-parti ċentrali biss.

6.5.8. Partijiet ta' l-azzar li jkunu esposti għandhom jiġu ttrattati kemm jista' jkun malajr bil-materjal xieraq, kif definit mill-manifattur ta' dak il-materjal apposta.

6.6. Tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers:

6.6.1. Min jagħmel it-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers għandu jiżgura li jew il-manifattur jew il-fornitur tal-materjali tat-tiswija, inklużi l-irqajja, ikun responsabbli għal dan li ġej:

(a) jiddefinixxi metodu(i) ta' applikazzjoni u ħażna, jekk ikun mitlub minn min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers, fil-lingwa nazzjonali tal-pajjiż li fih il-materjali jkunu se jintużaw;

(b) jiddefinixxi l-limiti ta' ħsara li għaliha l-materjali huma mfassla, jekk mitlub minn min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers, fil-lingwa nazzjonali tal-pajjiż li fih il-materjali jkunu se jintużaw;

(ċ) jiżgura li l-irqajja rinfurzati tat-tajers, jekk ikunu applikati tajjeb meta jissewwa l-qafas, ikunu tajbin għal dan il-għan;

(d) jiżgura li l-irqajja jkunu tajbin biex jifilħu d-doppju ta' l-ogħla pressjoni tan-nefħa, kif mogħti mill-manifattur tat-tajer;

(e) jiżgura li kwalunkwe materjal ieħor tat-tiswija jkun tajjeb għas-servizz maħsub.

6.6.2. Min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers għandu jkun responsabbli għall-applikazzjoni tajba tal-materjal tat-tiswija u biex jiżgura li t-tiswija tkun ħielsa min kull difett li jista' jaffettwa l-ħajja sodisfaċenti tas-servizz tat-tajer.

6.6.3. Min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers għandu jiżgura li jew il-manifattur jew il-fornitur tal-materjal tat-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra u tal-ħitan tal-ġenb tat-tajers joħroġ speċifikazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-użu biex jiggarantixxi l-kwalitajiet tal-materjal. Jekk ikun mitlub minn min jagħmel it-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers, dan it-tagħrif għandu jkun fil-lingwa nazzjonali tal-pajjiż li fih il-materjal ikun se jintuża.

6.6.4. Min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers għandu jiżgura li l-materjal u/jew il-kompost tat-tiswija jkunu dokumentati f'ċertifikat li joħroġ mill-manifattur jew il-fornitur. Il-kompost tal-materjal għandu jkun adatt għall-użu maħsub tat-tajers.

6.6.5. It-tajer ipproċessat għandu jkun vulkanizzat kemm jista' jkun malajr wara t-tkomplija tat-tiswijiet kollha u l-operat tal-bini mill-ġdid, u l-aktar skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur tal-materjal.

6.6.6. It-tajer għandu jkun vulkanizzat għat-tul ta' ħin u skond it-temperatura u l-pressjoni li jkunu xierqa u speċifiċi għall-materjali u t-tagħmir ta' l-ipproċessar li jkunu użati.

6.6.7. Il-qisien tal-forma għandhom ikunu tajbin għall-ħxuna tal-materjal il-ġdid u l-qies tat-tajer imnaddaf. Tajers ta' ħxuna radjali, meta jitpoġġew ġol-forma, għandhom ikunu vulkanizzati f'forom radjali jew f'forom maqsumin b'mod radjali biss.

6.6.8. Il-ħxuna tal-materjal oriġinali wara t-tindif u l-ħxuna medja ta' kwalunkwe materjal ġdid taħt id-disinn tal-wiċċ ta' barra wara li dan ikun tfellel mill-ġdid, għandu jkun skond kif mogħti fil-paragrafi 6.6.8.1 u 6.6.8.2. Il-ħxuna tal-materjal fi kwalunkwe punt, jew tul il-wisa' tal-wiċċ ta' barra mfellel jew madwar iċ-ċirkonferenza tat-tajer, għandha tkun ikkontrollata b'tali mod li jintlaħqu d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 6.7.5 u 6.7.6.

6.6.8.1. Għal tajers bi ħxuna radjali u *bias belted* (mm):

$1,5 \leq (A+B) \leq 5$ (minimu 1,5 mm; massimu 5,0 mm)

$A \geq 1$ (minimu 1,0 mm)

$B \geq 0,5$ (minimu 0,5 mm)



P.D. = Il-fond tad-disinn

X = Il-linja tat-tindif

A = Ħxuna medja tal-materjal il-ġdid taħt id-disinn

B = Ħxuna minima tal-materjal oriġinali fuq iċ-ċinturin wara t-tindif

6.6.8.2. Għal tajers djagonali (ħxuna mxaqilba):

Il-ħxuna tal-materjal oriġinali fuq l-interruttur għandha tkun ≥ 0,00 mm.

Il-ħxuna medja tal-materjal il-ġdid fuq il-linja tal-*casing* mnaddfa għandha tkun ≥ 2,00 mm.

Magħduda flimkien, il-ħxuna tal-materjal oriġinali u ġdid taħt il-bażi ta' l-iskanalaturi tad-disinn tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer għandha tkun ≥ 2,00 u ≤ 5,00 mm.

6.6.9. Id-deskrizzjoni tas-servizz ta' tajer b'wiċċ ġdid m'għandhiex turi la simbolu ta' veloċità ogħla u lanqas indiċi ta' tagħbija ogħla minn dak tat-tajer oriġinali, fl-ewwel ħajja tiegħu.

6.6.10. Il-kapaċità minima tal-veloċità ta' tajer b'wiċċ ġdid għandha tkun ta' 120 km/s (is-simbolu tal-veloċità "L"), waqt li dik massima għandha tkun ta' 300 km/s (is-simbolu tal-veloċità "Y").

6.6.11. L-indikaturi ta' l-użu tal-wiċċ imfellel ta' barra għandhom ikunu inkorporati kif ġej:

6.6.11.1. It-tajer pnewmatiku b'wiċċ ġdid għandu jinkludi mhux inqas minn sitt ringieli trasversali ta' indikaturi ta' l-użu, kemm jista' jkun imbegħdin l-istess minn xulxin u mpoġġija fil-kanali ewlenin tal-wiċċ ta' barra. L-indikaturi għandhom ikunu tali li ma jkunux jistgħu jitħawdu max-xoffa tal-materjal bejn l-istrixxi jew il-blokki tal-wiċċ ta' barra.

6.6.11.2. Madankollu, fil-każ ta' tajers iddisinjati biex jintramaw fuq rimmijiet ta' dijametru nominali tal-kodiċi 12 jew inqas, erba' ringieli ta' indikaturi ta' użu tal-wiċċ ta' barra ħuma awtorizzati.

6.6.11.3. L-indikaturi ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra għandu jkollhom mezz biex juru, b'tolleranza ta' + 0.60/-0.00 mm, meta l-kanali tal-wiċċ ta' barra ma jkunux għadhom aktar minn 1,6 mm bħala fond.

6.6.11.4. L-għoli ta' l-indikaturi ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra għandu jkun stabbilit billi titkejjel id-differenza bejn il-fond mill-wiċċ ta' barra sal-parti ta' fuq ta' l-indikaturi u l-bażi tal-kanali tal-wiċċ ta' barra, qrib in-niżla fil-bażi ta' l-indikaturi ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra.

6.7. Spezzjoni:

6.7.1. Wara li jkun ġie vulkanizzat, waqt li jinżamm grad ta' sħana fih, kull tajer b'wiċċ ġdid għandu jiġi eżaminat biex ikun żgurat li dan ikun ħieles minn kwalunkwe difettt li jkun jidher. Waqt jew wara t-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra, it-tajer għandu jintnefaħ għal mill-anqas 1,5 bar għall-eżami. Fejn ikun hemm difett li jidher fil-profil tat-tajer (eż. nuffata, tgħawwiġ 'il ġewwa, eċċ.), it-tajer għandu jiġi eżaminat speċifikament biex tkun stabbilita l-kawża ta' dan id-difett.

6.7.2. Qabel, waqt jew wara t-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra, it-tajer għandu jkun verifikat mill-inqas darba għall-integrità ta' l-istruttura tiegħu permezz ta' metodu ta' spezzjoni.

6.7.3. Għall-għanijiet tal-kontroll tal-kwalità, numru ta' tajers bil-wiċċ ta' barra tagħhom imfellel mill-ġdid għandhom ikunu sottomessi għal provi jew eżami distruttivi jew non-distruttivi. Il-kwantità ta' tajers verifikati u r-riżultati għandhom jiġu rreġistrati.

6.7.4. Wara t-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra, il-qisien tat-tajer b'wiċċ ġdid, meta dan ikun tkejjel skond l-Anness 6 għal dan ir-Regolament, għandhom ikunu skond jew il-qisien ikkalkulati skond il-proċeduri tal-paragrafu 7 jew għal dawk mogħtija fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament.

6.7.5. Id-differenza radjali tat-tajer b'wiċċ ġdid m'għandux ikun ta' aktar minn 1,5 mm (+0,4 mm tolleranza ta' kejl).

6.7.6. L-iżbilanċ statiku massimu tat-tajer b'wiċċ ġdid, imkejjel fid-dijametru tar-rimm, m'għandux ikun aktar minn 1,5 % tal-massa tat-tajer.

6.7.7. L-indikaturi ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra għandhom ikunu konformi mal-kriterji tal-paragrafu 6.6.11.

6.8. It-test tat-turija:

6.8.1. Tajers, li l-wiċċ tagħhom ikun tfellel mill-ġdid biex ikunu konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom ikunu kapaċi jgħaddu mit-test tat-tagħbija/veloċità kif speċifikat fl-Anness 7 għal dan ir-Regolament.

6.8.2. Tajer b'wiċċ ġdid, li wara li jkun ġie sottoemss għat-test tat-tagħbija/veloċità ma jurix kwalunkwe separazzjoni fil-wiċċ ta' barra jew fil-ħxuna jew fil-kurdun, tkissir fi bċejjeċ jew inkella xi kurduni miksura, għandu jitqies li jkun għadda mit-test.

6.8.3. Id-dijametru ta' barra tat-tajer, imkejjel sitt sigħat wara li jkun sar fuqu t-test tat-tagħbija/veloċità, m'għandux ivarja b'aktar minn ± 3.5 % mid-dijametru ta' barra meta dan ikun tkejjel qabel it-test.

7. SPEĊIFIKAZZJONIJIET

7.1. It-tajers, li l-wiċċ ta' barra tagħhom ikunu tfellel mill-ġdid biex ikunu konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom ikunu skond il-qisien li ġejjin:

7.1.1. Il-wisa' tas-sezzjoni:

7.1.1.1. Il-wisa' tas-sezzjoni għandha tkun ikkalkulata bil-formula li ġejja:

$$S = S_1 + K (A - A_1)$$

fejn:

S: hija l-wisa' attwali tas-sezzjoni f'millimetri kif imkejla fuq ir-rimm tal-prova;

S_1: huwa l-valur tal-"Wisa' tas-Sezzjoni tad-Disinn", riferut għar-rimm tal-kejl, kif ikkwotat fl-Istandard Internazzjonali tat-Tajers, speċifikat minn min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers għall-qies tat-tajer in kwistjoni;

A: hija l-wisa' tar-rimm tat-test f'millimetri;

A_1: hija l-wisa' f'millimetri tar-rimm tal-kejl, kif ikkwotat fl-Istandard Internazzjonali tat-Tajers, speċifikat minn min ifellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers għall-qies tat-tajer in kwistjoni.

K: huwa fattur u għandu jittieħed bħala ugwali għal 0,4.

7.1.2. Id-dijametru ta' barra:

7.1.2.1. Id-dijametru teoretiku ta' barra ta' tajer b'wiċċ ġdid għandu jkun ikkalkulat bil-formula li ġejja:

$$D = d + 2H$$

fejn:

D: huwa d-dijametru teoretiku ta' barra f'millimetri;

d: huwa n-numru konvenzjonali ddefinit fil-paragrafu 2.21.3 f'millimetri;

H: huwa l-għoli nominali tas-sezzjoni f'millimetri u huwa ugwali għal S_n immultiplikat b'0,01 Ra

fejn:

S_n: hija l-wisa' nominali tas-sezzjoni f'millimetri;

Ra: huwa r-ratio ta' l-aspett nominali.

Is-simboli kollha t'hawn fuq huma skond kif ikkwotati fl-għażla tal-qies tat-tajer, kif muri fuq il-ħajt tal-ġenb tat-tajer, skond il-kriterji tal-paragrafu 3.2.2 u definit fil-paragrafu 2.21.

7.1.2.2. Madankollu, għal tajers li l-għażla tidher fl-ewwel kolonna tat-tabelli li hemm fl-Anness 5 għar-Regolament ECE Nru. 30, id-dijametru ta' barra għandu jkun dak mogħti f'dawk it-tabelli.

7.1.3. Il-metodu ta' kif jitkejlu tajers b'wiċċ ġdid:

7.1.3.1. Il-qisien ta' tajers b'wiċċ ġdid għandhom jitkejlu skond il-proċeduri mogħtija fl-Anness 6 għal dan ir-Regolament.

7.1.4. L-ispeċifikazzjonijiet tal-wisa' tas-sezzjoni:

7.1.4.1. Il-wisa' ġenerali attwali tista' tkun anqas mill-wisa' jew il-wisgħat tas-sezzjoni stabbiliti fil-paragrafu 7.1.

7.1.4.2. Il-wisa' ġenerali attwali tista' wkoll tkun aktar mill-valur jew il-valuri stabbiliti fil-paragrafu 7.1 b':

7.1.4.2.1. 4 % fil-każ ta' tajers bi ħxuna radjali u

7.1.4.2.2. 6 % fil-każ ta' tajers bi ħxuna djagonali (ħxuna mxaqilba) u *bias belted*.

7.1.4.2.3. Barra minn hekk, jekk it-tajer ikollu strixxa protettiva speċjali, il-wisa' tista' tkun akbar sa 8 mm 'l fuq mit-tolleranzi mogħtija fil-paragrafi 7.1.4.2.1. u 7.1.4.2.2.

7.1.5. L-ispeċifikazzjonijiet tad-dijametru ta' barra:

7.1.5.1. Id-dijametru attwali ta' barra ta' tajer b'wiċċ ġdid m'għandux ikun barra l-valuri ta' Dmin u Dmass miksuba bil-formuli li ġejjin:

$$Dmin = d + (2H \times a)$$

$$Dmass = d + (2H \times b)$$

fejn:

7.1.5.1.1. Għal qisien mhux mogħtija fit-tabelli fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament, "H" u "d" huma kif definit fil-paragrafu 7.1.2.1.

7.1.5.1.2. Għall-qisien imsemmija fil-paragrafu 7.1.2.2 fuq:

$$H = 0{,}5\ (D - d)$$

fejn "D" huwa d-dijametru ta' barra u "d" id-dijametru nominali tar-rimm ikkwotat fit-tabelli msemmija fuq għall-qies in kwistjoni.

7.1.5.1.3. Il-ko-effiċjent "a" = 0,97

7.1.5.1.4. Il-ko-effiċjent "b" huwa:

	Tajers radjali	Tajers bi ħxuna djagonali (ħxuna mxaqilba) u *bias belted*
għal tajers ta' użu normali	1,04	1,08

7.1.5.2. Għal tajers tas-silġ, id-dijametru massimu ta' barra (Dmass), ikkalkulat fil-paragrafu 7.1.5.1, jista' jiżdied sa mhux aktar minn 1 %.

8. MODIFIKI FL-APPROVAZZJONI

8.1. Kull modifika dwar faċiltà ta' produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid, li temenda kwalunkwe tagħrif mogħti mill-faċiltà tal-produzzjoni ta' dawn it-tajers fl-Applikazzjoni għall-Approvazzjoni, ara l-paragrafu 4, għandha tkun notifikata lill-awtorità li tapprova li tkun approvat dik it-taqsima ta' produzzjoni. Dik l-awtorità, imbagħad, tista' jew:

8.1.1. Tikkunsidra li l-modifikazzjonijiet li jkunu saru x'aktarx ma jkollhomx effett sostanzjalment ħażin u li fi kwalunkwe każ il-faċiltà tal-produzzjoni ta' dawn it-tajers għadha tilħaq il-kriterji; jew

8.1.2. Titlob biex isir aktar stħarriġ ta' l-approvazzjoni.

8.2. Il-konferma jew ir-rifjut ta' approvazzjoni, li tkun tispeċifika l-modifikazzjonijiet, għandha tkun mgħarrfa lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament skond il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 5.7.

9. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri ta' produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim, l-Appendiċi 2 (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2), skond il-kriterji li ġejjin:

9.1. Il-faċiltà tal-produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid, approvata skond dan ir-Regolament, għandha tkun konformi mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 6.

9.2. Id-detentur ta' l-approvazzjoni għandu jiżgura li, matul kull sena ta' produzzjoni, u b'firxa matul is-sena kollha, mill-inqas in-numru ta' tajers li ġejjin, li jkunu rappreżentattivi ta' il-firxa li tkun qed tiġi manifatturata, ikunu verifikati u ttestjati kif preskritt f'dan ir-Regolament:

9.2.1. 0,01 % tal-produzzjoni annwali sħiħa, iżda fi kwalunkwe każ mhux inqas minn 5 u mhux aktar minn 20.

9.3. Jekk il-kriterji tal-paragrafu 9.2 jitwettqu minn jew taħt il-kontroll ta' l-awtorità li tapprova, ir-riżultati jistgħu jintużaw bħala parti minn, jew minflok, dawk preskritti fil-paragrafu 9.4.

9.4. L-awtorità li tkun approvat il-faċiltà tal-produzzjoni tat-tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers tista', f'kull żmien, tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità tal-produzzjoni. Għal kull faċilità tal-produzzjoni, l-awtorità li tapprova t-tip għandha tiġbor kampjuni bl-addoċċ matul kull sena ta' produzzjoni, u mill-inqas in-numru ta' tajers li ġejjin, li jkunu rappreżentattivi tal-firxa li tkun qed tiġi manifatturata, għandhom jiġu verifikati u ttestjati kif preskritt f'dan ir-Regolament:

9.4.1. 0,01 % tal-produzzjoni annwali sħiħa, iżda f'kull każ mhux inqas minn 5 u mhux aktar minn 20.

9.5. It-testijiet u l-verifiki tal-paragrafu 9.4 jistgħu jieħdu post dawk meħtieġa fil-paragrafu 9.2.

10. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ FIL-PRODUZZJONI

10.1. L-approvazzjoni mogħtija lil faċilità ta' produzzjoni ta' tfellil mill-ġdid tal-wiċċ ta' barra tat-tajers skond dan ir-Regolament, tista' titneħħa jekk il-kriterji tal-paragrafu 9 ma jkunux konformi jew jekk din il-faċilità tal-produzzjoni jew it-tajers b'wiċċ ġdid manifatturati minnha jkunu naqsu milli jilħqu l-kriterji preskritti f'dak il-paragrafu.

10.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat diġà, din għandha tavża minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim ta' l-1958 li jkunu qed japplikaw dan ir-Regolament. Dan għandha tagħmlu permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi għall-mudell muri fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

11. PRODUZZJONI LI TWAQQFET GĦAL KOLLOX

L-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni tal-faċilità tal-produzzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid għandha tkun mgħarrfa jekk l-operat u l-manifattura ta' tajers b'wiċċ ġdid, li jkunu ġew approvati fl-iskop ta' dan ir-Regolament, jieqfu. Meta l-awtorità tirċievi din l-informazzjoni, din għandha tgħaddiha lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim ta' l-1958 li jkunu qed japplikaw dan ir-Regolament. Dan għandha tagħmlu permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell muri fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

12. ISMIJIET U INDIRIZZI TA' SERVIZZI TEKNIĊI LI HUMA RESPONSABBLI BIEX IWETTQU TESTIJIET TA' L-APPROVAZZJONI, TA' LABORATORJI FEJN ISIRU T-TESTIJIET, U TA' DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI

12.1. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' l-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jgħaddu lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi li huma responsabbli li jwettqu testijiet ta' l-approvazzjoni u, fejn ikun jgħodd, tal-laboratorji approvati li fihom isiru t-testijiet, kif ukoll ta' dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew ir-rifjut jew l-irtirar ta' approvazzjoni tal-produzzjoni li żgur tkun twaqqfet, liema approvazzjonijiet ikunu ħarġu f'pajjiżi oħra.

12.2. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' l-1958 li japplikaw dan ir-Regolament, jistgħu jużaw laboratorji ta' manifatturi ta' tajers jew ta' faciltàjiet ta' produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid u jistgħu jagħżlu, bħala laboratorji approvati tat-test, dawk li jinstabu jew fit-territorju ta' dik il-Parti jew fit-territorju ta' Parti oħra għall-Ftehim ta' l-1958. Dan ikun jiddependi minn jekk id-dipartiment amministrattiv kompetenti ta' dan ta' l-aħħar ikunx aċċetta b'mod preliminari din il-proċedura.

12.3. Fejn Parti għall-Ftehim ta' l-1958 tapplika l-paragrafu 12.2, din tista', jekk tkun tixtieq, tkun rappreżentata waqt it-testijiet.

ANNESS 1

KOMUNIKAZZJONI

(format massimu: A4 (210 x 297 mm))

Maħruġa minn: L-isem ta' l-amministrazzjoni:

.....

.....

.....

Dwar: (2) APPROVAZZJONI MOGĦTIJA

APPROVAZZJONI ESTIŻA

APPROVAZZJONI RIFJUTATA

APPROVAZZJONI RTIRATA

PRODUZZJONI LI TWAQQFET GĦAL KOLLOX

ta' faċilità ta' produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid skond ir-Regolament Nru. 108

Nru ta' l-Approvazzjoni.: ..... Nru ta' l-Estensjoni: .....

1. L-isem jew il-marka tal-fabbrika ta' min jagħmel it-tajers b'wiċċ ġdid: .....
2. L-isem u l-indirizz tal-faciltà tal-produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid: .....

   .....
3. Jekk jgħodd, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant ta' min jagħmel it-tajers b'wiċċ ġdid: .....

   .....
4. Deskrizzjoni fil-qosor bħal fil-paragrafi 4.1.3 u 4.1.4 ta' dan ir-Regolament: .....
5. Servizz tekniku u, fejn ikun jgħodd, il-laboratorju tat-test approvat għall-għanijiet ta' approvazzjoni jew verifika ta' konformità:

   .....
6. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
7. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....
8. Raġuni(jiet) għall-estensjoni (jekk jgħodd): .....
9. Rimarki oħra: .....
10. Post: .....
11. Data: .....
12. Firma: .....
13. Mehmuża ma' din il-komunikazzjoni hemm lista ta' dokumenti fil-fajl ta' l-approvazzjoni li jinstab għand l-Awtorità li tapprova li kienet qieset din l-approvazzjoni, u li jistgħu jinkisbu fuq talba.

(1) In-numru distintiv tal-pajjiż li jkun ta/estenda/irrifjuta/irtira approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet ta' l-approvazzjoni fir-Regolament).
(2) Ħassar dak li ma japplikax.

ANNESS 2

L-ARRANĠAMENT TAL-MARKA TA' L-APPROVAZZJONI



a = 12 mm min

Il-marka ta' l-approvazzjoni t'hawn fuq li tkun twaħħlet fuq tajer b'wiċċ ġdid turi li l-faciltà tal-produzzjoni ta' tajers b'wiċċ ġdid ikkonċernata ngħatat approvazzjoni mill-Olanda (E4) taħt in-numru ta' l-approvazzjoni 108R002439; il-kriterji ta' dan ir-Regolament intlaħqu fil-forma oriġinali tiegħu (00).

In-numru ta' l-approvazzjoni għandu jitpoġġa qrib iċ-ċirku jew fuq jew taħt is-simbolu "E" jew inkella fuq il-lemin jew ix-xellug ta' dik l-ittra. Il-figuri tan-numru ta' l-approvazzjoni għandu jkun fuq l-istess naħa ta' l-ittra "E" u jħares fl-istess direzzjoni. L-użu ta' numri Rumani bħala numri ta' approvazzjoni għandhom ikunu evitati biex ikun evitat kull taħwid ma' simboli oħrajn.

ANNESS 3

L-ARRANĠAMENT TAL-MARKI TA' TAJER BIL-WIĊĊ TA' BARRA ĠDID

Eżempju ta' marki li għandu jkun hemm fuq tajers b'wiċċ ġdid li jitpoġġew fuq is-suq wara d-dħul fis-seħħ ta'dan ir-Regolament



b : 6 mm (min.)
c : 4 mm (min.)
d : 3 mm (min.)
u mill-1998, 4 mm (min.)

Dawn il-marki jiddefinixxu tajer bil-wiċċ ta' barra mfellel li għandu:

— wisa' nominali tas-sezzjoni ta' 185;

— *ratio* ta' l-aspett nominali ta' 70;

— struttura ta' ħxuna radjali (R);

— dijametru nominali tar-rimm tal-kodiċi 14;

— għandu deskrizzjoni tas-servizz "89T", li turi li dan għandu kapaċità tat-tagħbija ta' 580 kilo li tikkorrispondi għall-indiċi tat-tagħbija "89", u kapaċità ta' veloċità massima ta' 190 km/s li tikkorrispondi għas-simbolu tal-veloċità "T";

— jitwaħħal mingħajr it-tubu ta' ġewwa ("TUBELESS");

— huwa tajer tas-silġ (M+S);

— il-wiċċ ta' barra ġie mfellel mill-ġdid fil-ġimgħat 25, 26, 27 jew 28 tas-sena 2003.

Il-pożizzjoni u l-ordni tal-marki li jsawru l-għażla tat-tajer għandhom ikunu kif ġej:

(a) L-għażla tal-qies, li tinkludi l-wisa' nominali tas-sezzjoni, il-proporzjon ta' l-aspett nominali, is-simbolu tat-tip ta' l-istruttura (fejn ikun jgħodd) u d-dijametru nominali tar-rimm, għandhom ikunu fi grupp kif muri fl-eżempju ta' fuq, jiġifieri: 185/70 R 14;

(b) Id-deskrizzjoni tas-servizz, li tinkludi l-indiċi tat-tagħbija u s-simbolu tal-veloċità, għandhom jitpoġġew flimkien ħdejn l-għażla tal-qies. Din tista' tiġi qabel l-għażla tal-qies jew wara din, jew inkella titpoġġa fuqha jew taħtha;

(ċ) Is-simboli "TUBELESS", "REINFORCED" u "M+S" jistgħu jkunu xi ftit 'il bogħod mis-simbolu ta' l-għażla tal-qies.

(d) Il-kelma "RETREAD" tista' tkun ftit 'il bogħod mis-simbolu ta' l-għażla tal-qies.

ANNESS 4

LISTA TA' L-INDIĊIJIET TA' TAGĦBIJA U L-KAPAĊITAJIET TAT-TAGĦBIJA KORRISPONDENTI

indiċijiet ta' taghbija (li) u l-kapaċitajiet tat-taghbija - kg													
LI	kg	LI	kg	LI	kg	LI	kg	LI	kg	LI	kg	LI	kg
0	45	40	140	80	450	120	1 400	160	4 500	200	14 000	240	45 000
1	46,2	41	145	81	462	121	1 450	161	4 625	201	14 500	241	46 250
2	47,5	42	150	82	475	122	1 500	162	4 750	202	15 000	242	47 500
3	48,7	43	155	83	487	123	1 550	163	4 875	203	15 500	243	48 750
4	50	44	160	84	500	124	1 600	164	5 000	204	16 000	244	50 000
5	51,5	45	165	85	515	125	1 650	165	5 150	205	16 500	245	51 500
6	53	46	170	86	530	126	1 700	166	5 300	206	17 000	246	53 000
7	54,5	47	175	87	545	127	1 750	167	5 450	207	17 500	247	54 500
8	56	48	180	88	560	128	1 800	168	5 600	208	18 000	248	56 000
9	58	49	185	89	580	129	1 850	169	5 800	209	18 500	249	58 000
10	60	50	190	90	600	130	1 900	170	6 000	210	19 000	250	60 000
11	61,5	51	195	91	615	131	1 950	171	6 150	211	19 500	251	61 500
12	63	52	200	92	630	132	2 000	172	6 300	212	20 000	252	63 000
13	65	53	206	93	650	133	2 060	173	6 500	213	20 600	253	65 000
14	67	54	212	94	670	134	2 120	174	6 700	214	21 200	254	67 000
15	69	55	218	95	690	135	2 180	175	6 900	215	21 800	255	69 000
16	71	56	224	96	710	136	2 240	176	7 100	216	22 400	256	71 000
17	73	57	230	97	730	137	2 300	177	7 300	217	23 000	257	73 000
18	75	58	236	98	750	138	2 360	178	7 500	218	23 600	258	75 000
19	77,5	59	243	99	775	139	2 430	179	7 750	219	24 300	259	77 500
20	80	60	250	100	800	140	2 500	180	8 000	220	25 000	260	80 000
21	82,5	61	257	101	825	141	2 575	181	8 250	221	25 750	261	82 500
22	85	62	265	102	850	142	2 650	182	8 500	222	26 500	262	85 000
23	87,5	63	272	103	875	143	2 725	183	8 750	223	27 250	263	87 500
24	90	64	280	104	900	144	2 800	184	9 000	224	28 000	264	90 000
25	92,5	65	290	105	925	145	2 900	185	9 250	225	29 000	265	92 500
26	95	66	300	106	950	146	3 000	186	9 500	226	30 000	266	95 000
27	97,5	67	307	107	975	147	3 075	187	9 750	227	30 750	267	97 500
28	100	68	315	108	1 000	148	3 150	188	10 000	228	31 500	268	100 000
29	103	69	325	109	1 030	149	3 250	189	10 300	229	32 500	269	103 000
30	106	70	335	110	1 060	150	3 350	190	10 600	230	33 500	270	106 000
31	109	71	345	111	1 090	151	3 450	191	10 900	231	34 500	271	109 000
32	112	72	355	112	1 120	152	3 550	192	11 200	232	35 500	272	112 000
33	115	73	365	113	1 150	153	3 650	193	11 500	233	36 500	273	115 000
34	118	74	375	114	1 180	154	3 750	194	11 800	234	37 500	274	118 000
35	121	75	387	115	1 215	155	3 875	195	12 150	235	38 750	275	121 500
36	125	76	400	116	1 250	156	4 000	196	12 500	236	40 000	276	125 000
37	128	77	412	117	1 285	157	4 125	197	12 850	237	41 250	277	128 500
38	132	78	425	118	1 320	158	4 250	198	13 200	238	42 500	278	132 000
39	136	79	437	119	1 360	159	4 375	199	13 600	239	43 750	279	136 000

ANNESS 5

L-GĦAŻLA TAL-QIES U L-QISIEN TAT-TAJER

(skond ir-regolament ECE Nru. 30)

għal din l-informazzjoni, irreferi għall-anness 5 tar-regolament ECE Nru. 30

ANNESS 6

IL-METODU LI BIH JITKEJLU T-TAJERS PNEWMATIĊI

1. Il-preparazzjoni tat-tajer

1.1. It-tajer għandu jitwaħħal fuq ir-rimm tat-test speċifikat minn min ifellel il-wiċċ tat-tajers mill-ġdid u jintnefaħ għall-pressjoni minn 3 sa 3,5 bar.

1.2. Il-pressjoni tat-tajer għandha tkun aġġustata kif ġej:

1.2.1. għal tajers standard li jkunu *bias belted* – sa 1,7 bar;

1.2.2 għal tajers bi ħxuna djagonali (ħxuna mxaqilba) – sa:

	Pressjoni (bar) għas-simbolu tal-veloċità		
Rata tal-ħxuna	L, M, N	P, Q, R, S	T, U, H, V
4	1,7	2,0	—
6	2,1	2,4	2,6
8	2,5	2,8	3,0

1.2.3. għal tajers radjali standard – sa 1,8 bar;

1.2.4. għal tajers rinfurzati – sa 2,3 bar.

2. Il-Proċedura tat-Test

2.1. It-tajer, armat fuq ir-rimm tiegħu, għandu jkun trattat fit-temperatura ta' l-ambjent tal-kamra għal mhux inqas minn 24 siegħa, ħlief fejn ikun meħtieġ mod ieħor bil-paragrafu 6.8.3 ta' dan ir-Regolament.

2.2. Il-pressjoni tat-tajer għandha tkun aġġustata mill-ġdid sal-livell speċifikat fil-paragrafu 1.2 ta' dan l-Anness.

2.3. Il-wisa' ġenerali għandha titkejjel f'sitt punti spazjati l-istess bejniethom madwar it-tajer, waqt li titqies il-ħxuna ta' kwalunkwe strixxi protettivi. L-ogħla qari li jinkiseb għandu jitqies bħala l-wisa' ġenerali.

2.4. Id-dijametru ta' barra għandu jkun kalkulat minn kejl ta' l-ogħla ċirkonferenza tat-tajer minfuħ.

ANNESS 7

IL-PROĊEDURA GĦAT-TESTIJIET TAL-KAPAĊITÀ TAT-TAGĦBIJA/VELOĊITÀ

(Fil-prinċipju skond l-anness 7 tar-regolament Nru. 30)

1. It-tħejjija tat-tajer

1.1. Arma t-tajer b'wiċċ ġdid fuq ir-rimm tat-test speċifikat minn min ifellel il-wiċċ ta' barra mill-ġdid tat-tajers.

1.2. Onfoħ it-tajer għall-pressjoni xierqa kif muri (f'bars) fit-tabella t'hawn taħt:

Kategorija tal-veloċità	Tajers djagonali (ħxuna mxaqilba)			Tajers radjali		Tajers *Bias-belted*
	Rata tal-ħxuna			Standard	Rinfurzati	Standard
	4	6	8			
L, M, N	2,3	2,7	3,0	2,4	—	—
P, Q, R, S	2,6	3,0	3,3	2,6	3,0	2,6
T, U, H	2,8	3,2	3,5	2,8	3,2	2,8
V	3,0	3,4	3,7	3,0	3,4	—
W u Y				3,2	3,6	

1.3. L-unità tal-produzzjoni tat-tajers b'wiċċ ġdid tista' titlob, u tagħti r-raġunijiet, biex tintuża pressjoni ta' l-infiħ fit-test illi tkun differenti minn dawk mogħtija fil-paragrafu 1.2 ta' dan l-anness. F'każ bħal dan, it-tajer għandu jitnefaħ sal-pressjoni mitluba.

1.4. Ittratta t-tajer u l-assemblaġġ tar-rota fit-temperatura ta' l-ambjent għal mhux inqas minn 3 sigħat.

1.5. Aġġusta mill-ġdid il-pressjoni tat-tajer għal dik speċifikata fil-paragrafu 1.2 jew 1.3 ta' dan l-Anness.

2. Il-Proċedura tat-Test

2.1. Arma t-tajer u l-assemblaġġ tar-rota fuq il-fus tat-test u ppressah kontra l-wiċċ lixx ta' barra ta' ċilindru ta' test li jaħdem bil-qawwa, b'dijametru ta' 1,70 m ± 1 % jew 2,00 m ± 1 %.

2.2. Applika għall-fus tat-test tagħbija ugwali għal 80 % ta':

2.2.1. ir-rata massima tat-tagħbija li tikkorrispondi għall-Indiċi tat-Tagħbija għal tajers bis-Simboli tal-Veloċità L sa H, it-tnejn inklużi,

2.2.2. ir-rata massima tat-tagħbija assoċjata mal-veloċità massima (ara l-paragrafu 2.35.2 ta' dan ir-Regolament) ta':

— 240 km/s fil-każ ta' tajers bis-Simbolu tal-Veloċità "V",

— 270 km/s fil-każ ta' tajers bis-Simbolu tal-Veloċità "W",

— 300 km/s fil-każ ta' tajers bis-Simbolu tal-Veloċità "Y".

2.3. Matul it-test il-pressjoni m'għandix tkun ikkoreġuta, waqt li t-tagħbija tat-test għandha tinżammm kostanti.

2.4. Matul it-test it-temperatura tal-kamra fejn isir it-test għandha tinżamm bejn 20 °C u 30 °C, sakemm il-manifattur tat-tajer jew min infellel mill-ġdid il-wiċċ ta' barra tat-tajers ma jaqbilx li juża temperatura oħla.

2.5. Il-programm tat-test tal-kapaċità għandu jsir mingħajr interruzzjoni u għandu jsir kif ġej:.

2.5.1 il-ħin meħud minn veloċità zero sa dik tal-bidu: 10 minuti;

2.5.2. il-veloċità tal-bidu tat-test: l-ogħla veloċità preskritta għat-tajer ikkonċernat, inqas minn 40 km/s fil-każ ta' ċilindru tat-test b'dijametru ta' 1,70 m ± 1 %, jew inqas minn 30 km/s fil-każ ta' ċilindru tat-test b'dijametru ta' 2,00 m ± 1 %;

2.5.3. żieda suċċessiva fil-veloċità: 10 km/s sa l-ogħla veloċità;

2.5.4. il-perijodu tat-test f'kull stadju tal-veloċità ħlief ta' l-aħħar: 10 minuti;

2.5.5. il-perijodu tat-test fl-aħħar parti: 20 minuta;

2.5.6. it-test ta' l-ogħla veloċità: l-ogħla veloċità preskritta għat-tajer ikkonċernat, inqas minn 10 km/s fil-każ ta' ċilindru tat-test b'dijametru ta' 1,70 m ± 1 %, jew l-ogħla veloċità preskritta fil-każ ta' ċilindru tat-test b'dijametru ta' 2,00 m ± 1 %.

3. Metodi ekwivalenti tat-test

Jekk jintuża metodu ta' test għajr dak deskritt fil-paragrafi 2 jew 3 ta' dan l-Anness, għandha tintwera l-ekwivalenza tiegħu.

ANNESS 8

FIGURA TA' SPJEGAZZJONI

Ara l-paragrafu 2 ta' dan ir-Regolament"



"

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta Marzu 2006

dwar l-adeżjoni tal-Komunità għar-Regolament Nru 55 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' komponenti ta' iggančjar mekkaniċi ta' taħlit ta' vetturi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2006/444/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunita' Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitqegħiedu u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għat-tagħrif reċiproku ta' l-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim ta' l-1958 Rivedut") ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 3(3) u t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Ir-rekwiżiti standardizzati tar-Regolament nru 55 ([3]) dwar dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' komponenti ta' iggančjar mekkaniċi ta' taħlit ta' vetturi għandhom l-għan, li jneħħu l-ostakli tekniċi fil-kummerċ f'vetturi bejn il-Partijiet Kontraenti filwaqt li jiżgura livell għoli ta' sigurtà fit-tħaddim tal-vetturi.

(2) Ir-Regolament Nru 55 ma kienx inkluż fl-Anness II tad-Deċiżjoni 97/836/KE għaliex ma kienx konformi mat-talbiet u speċifikazzjonijiet tekniċi Komunitarji waqt l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim Rivedut ta' 1958.

(3) Fid-dawl ta' l-emendi li saru wara, ir-Regolament Nru 55 għandu jkun inkorporat fis-sistema Komunitarja għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi b'mutur.

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

1. Il-Komunità għandha tapplika r-Regolament Nru 55 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar disposizzjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' komponenti ta' iggančjar mekkaniċi ta' taħlit ta' vetturi.

2. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-Regolament Nru 55 għandu jiġi nkorporat fis-sistema Komunitarja ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-muturi.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti b'din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, it-13 ta' Marzu 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARTENSTEIN

([1]) ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.

([2]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

([3]) Dokument tan-NU E/ECE/324, E/ECE/TRANS/505, Rev. 1/Add. 54/Rev.1, u Corrigendum nru 1.

AGREEMENT

Concerning the adoption of uniform technical prescriptions for wheeled vehicles, equipment and parts which can be fitted and/or be used on wheeled vehicles and the conditions for reciprocal recognition of approvals granted on the basis of these prescriptions (*)

(Revision 2, including the amendments which entered into force on 16 October 1995)

Addendum 54:

REGULATION No 55

Revised version providing Revision 1 consolidated with Corrigendum 1 (**)

Uniform provisions concerning the approval of mechanical coupling components of combinations of vehicles

---

(*) Former title of the Agreement.

(**) Corrigendum 1 to the 01 series of amendments, subject of depositary notification C.N.602.2002.TREATIES-1 dated 13 June 2002.

(Acts whose publication is obligatory)

Regulation No 55
of the Economic Commission for Europe of the United Nations (UN/ECE).

Uniform provisions concerning the approval of mechanical coupling components of combinations of vehicles.

1. SCOPE

1.1. This Regulation lays down the requirements which mechanical coupling devices and components shall meet in order to be regarded internationally as being mutually compatible.

1.2. This Regulation applies to devices and components intended for:

1.2.1. motor vehicles and trailers intended to form a combination of vehicles ([1]);

1.2.2. motor vehicles and trailers intended to form articulated vehicles ([1]), where the vertical load imposed on the motor vehicle by the trailer does not exceed 200 kN.

1.3. This Regulation applies to:

1.3.1. standard devices and components as defined in paragraph 2.3.;

1.3.2. non-standard devices and components as defined in paragraph 2.4.;

1.3.3. non-standard miscellaneous devices and components as defined in paragraph 2.5.

2. DEFINITIONS

For the purposes of this Regulation:

2.1. „mechanical coupling devices and components means" all those items on the frame, load-bearing parts of the bodywork and the chassis of the motor vehicle and trailer by means of which they are connected together to form the combination of vehicles or the articulated vehicles. Fixed or detachable parts for the attachment or operation of the mechanical coupling device or component are included.

2.2. automatic coupling requirement is achieved if reversing the towing vehicle against the trailer is sufficient to engage the coupling completely, to lock it automatically and to indicate proper engagement of the locking devices without any external intervention.

In the case of hook type couplings automatic coupling requirement is achieved if opening and closing of the coupling locking device takes place without any external intervention when the drawbar eye is inserted into the hook.

2.3. standard mechanical coupling devices and components conform to standard dimensions and characteristic values as given in this Regulation. They are interchangeable within their class, independent of manufacturer.

2.4. non-standard mechanical coupling devices and components do not conform in all respects to the standard dimensions and characteristic values given in this Regulation but can be connected to standard coupling devices and components in the relevant class.

2.5. non-standard miscellaneous mechanical coupling devices and components do not conform to standard dimensions and characteristic values as given in this Regulation and cannot be connected to standard coupling devices and components. They include, for example, devices which do not correspond with any of the Classes A to L and T listed in paragraph 2.6. such as those intended for special, heavy transport use and miscellaneous devices conforming to existing national standards.

([1]) Within the meaning of the Convention on Road Traffic (Vienna, 1968, Article 1, sub-paragraphs (t) and (u)).

2.6.	mechanical coupling devices and components are classified according to type as follows:	
2.6.1.	Class A	Coupling balls and towing brackets employing a 50 mm diameter spherical device and brackets on the towing vehicle for connecting to the trailer by means of a coupling head — see annex 5, paragraph 1.
2.6.1.1.	Class A50-1 to 50-5	Standard 50 mm diameter coupling balls with flange type bolted fixing.
2.6.1.2.	Class A50-X	Non-standard 50 mm diameter coupling balls and brackets.
2.6.2.	Class B	Coupling heads fitted to the drawbar of trailers for connecting to the 50 mm diameter coupling ball on the towing vehicle — see annex 5, paragraph 2.
2.6.2.1.	Class B50-X	Non-standard 50 mm diameter coupling heads.
2.6.3.	Class C	Drawbar couplings with a 50 mm diameter pin and with a jaw and an automatic closing and locking pin on the towing vehicle for connecting to the trailer by means of a drawbar eye — see annex 5, paragraph 3.
2.6.3.1.	Class C50-1 to 50-7	Standard 50 mm pin diameter drawbar couplings.
2.6.3.2.	Class C50-X	Non-standard 50 mm pin diameter drawbar couplings.
2.6.4.	Class D	Drawbar eyes having a parallel hole suitable for a 50 mm diameter pin and fitted to the drawbar of trailers for connecting to automatic drawbar couplings — see annex 5, paragraph 4.
2.6.4.1.	Class D50-A	Standard 50 mm pin diameter drawbar eyes for welded attachment.
2.6.4.2.	Class D50-B	Standard 50 mm pin diameter drawbar eyes for threaded attachment.
2.6.4.3.	Class D50-C& 50-D	Standard 50 mm pin diameter drawbar eyes for bolted attachment.
2.6.4.4.	Class D50-X	Non-standard 50 mm pin diameter drawbar eyes.
2.6.5.	Class E	Non-standard drawbars comprising overrun devices and similar items of equipment mounted on the front of the towed vehicle, or to the vehicle chassis, which are suitable for coupling to the towing vehicle by means of drawbar eyes, coupling heads or similar coupling devices — see annex 5, paragraph 5. Drawbars may be hinged to move freely in a vertical plane and not support any vertical load or be fixed in a vertical plane so as to support a vertical load (Rigid drawbars). Rigid drawbars can be entirely rigid or be flexibly mounted. Drawbars may comprise more than one component and may be adjustable or cranked. This Regulation applies to drawbars which are separate units, not an integral part of the chassis of the towed vehicle.
2.6.6.	Class F	Non-standard drawbeams comprising all components and devices between the coupling devices, such as coupling balls and drawbar couplings, and the frame (for example the rear cross member), the load-bearing bodywork or the chassis of the towing vehicle — see annex 5, paragraph 6.
2.6.7.	Class G	Fifth wheel couplings are plate type couplings having an automatic coupling lock and are fitted to the towing vehicle for connecting with a 50 mm diameter fifth wheel coupling pin fitted to a semitrailer — see annex 5, paragraph 7.
2.6.7.1.	Class G50	Standard 50 mm pin diameter fifth wheel couplings.
2.6.7.2.	Class G50-X	Non-standard 50 mm pin diameter fifth wheel couplings.
2.6.8.	Class H	Fifth wheel coupling pins, 50 mm diameter, are devices fitted to a semitrailer to connect with the fifth wheel coupling of the towing vehicle — see annex 5, paragraph 8.
2.6.8.1.	Class H50-X	Non-standard 50 mm pin diameter fifth wheel coupling pins.
2.6.9.	Class J	Non-standard mounting plates comprising all components and devices for attaching fifth wheel couplings to the frame or chassis of the towing vehicle. The mounting plate may have provision for moving horizontally, that is to form a sliding fifth wheel — see annex 5, paragraph 9.

2.6.10. Class K — Standard, hook type couplings intended for use with appropriate Class L type toroidal drawbar eyes — see annex 5, paragraph 10.

2.6.11. Class L — Standard toroidal drawbar eyes for use with appropriate Class K hook type couplings — see annex 5, paragraph 4.

2.6.12. Class S — Devices and components which do not conform to any of the Classes A to L or T above and which are used, for example, for special heavy transport or are devices unique to some countries and covered by existing national standards.

2.6.13. Class T — Non-standard, non-automatic dedicated drawbar type couplings which are able to be separated only by the use of tools and are typically used for trailers of car transporters. They shall be approved as a matched pair.

2.7. Steering wedges are devices or components mounted on semitrailers which control positive steering of the trailer in conjunction with the fifth wheel coupling.

2.8. Remote control systems are devices and components which enable the coupling device to be operated from the side of the vehicle or from the driving cab of the vehicle.

2.9. Remote indicators are devices and components which give an indication in the vehicle cab that coupling has been effected and that the locking devices have engaged.

2.10. „type of coupling device or component" means a device or component which does not differ in such essential respects as:

2.10.1. the manufacturer's or supplier s trade name or mark;

2.10.2. the class of coupling as defined in paragraph 2.6.;

2.10.3. the external shape, principal dimensions or fundamental difference in design including materials used; and

2.10.4. the characteristic values D, D_c, S, V and U as defined in paragraph 2.11.

2.11. The characteristic values D, D_c, S, V and U are defined or determined as:

2.11.1. The D or D_c value is the theoretical reference value for the horizontal forces in the towing vehicle and the trailer and is used as the basis for horizontal loads in the dynamic tests. For mechanical coupling devices and components not designed to support imposed vertical loads, the value is:

$$D = g\ ((T \cdot R)/(T + R))\ kN$$

For mechanical coupling devices and components for centre axle trailers as defined in 2.13, the value is:

$$D_c = g\ ((T \cdot C)/(T + C))\ kN$$

For fifth wheel couplings of Class G, fifth wheel coupling pins of Class H and mounting plates of Class J, as defined in paragraph 2.6., the value is:

$$D = g\ ((0{,}6 \cdot T \cdot R)/(T + R\text{-}U))\ kN$$

where:

T is the technically permissible maximum mass of the towing vehicle, in tonnes. Where relevant, this includes the vertical load imposed by a centre axle trailer. ([1])

R is the technically permissible maximum mass, in tonnes, of a trailer with drawbar free to move in a vertical plane, or of a semitrailer. ([1])

C is the mass, in tonnes, transmitted to the ground by the axle or axles of the centre axle trailer, as defined in paragraph 2.13., when coupled to the towing vehicle and loaded to the technically permissible maximum mass ([1]). For Category O_1 and O_2 centre axle trailers ([2]) the technically permissible maximum mass will be that declared by the manufacturer of the towing vehicle.

([1]) The mass T and R and the technically permissible maximum mass, may be greater than the permissible maximum mass prescribed by national legislation.

([2]) See definitions in Regulation No 13 annexed to the 1958 Agreement concerning the Adoption of Uniform Technical Prescriptions for Wheeled Vehicles, Equipment and Parts which can be Fitted and/or be Used on Wheeled Vehicles and the Conditions for Reciprocal Recognition of Approvals Granted on the Basis of these Prescriptions. The definition is also contained in annex 7 of the Consolidated Resolution on the Construction of Vehicles (R.E.3) (document TRANS/WP.29/78/Rev.1/Amend.2).

g is the acceleration due to gravity (assumed to be 9,81 m/s^2
U is as defined in paragraph 2.11.2.
S is as defined in paragraph 2.11.3.

2.11.2. The U value is the vertical mass, in tonnes, imposed on the fifth wheel coupling by the semitrailer of technically permissible maximum mass ([1])

2.11.3. The S value is the vertical mass, in kilograms, imposed on the coupling, under static conditions, by the centre axle trailer, as defined in paragraph 2.13., of technically permissible maximum mass ([1])

2.11.4. The V value is the theoretical reference value of the amplitude of the vertical force imposed on the coupling by the centre axle trailer of technically permissible maximum mass greater than 3,5 tonnes. The V value is used as the basis for vertical forces in the dynamic tests.

$$V = (a \cdot C \cdot X^2) / L^2 \text{ (}\textit{See the Note below}\text{)}$$

where:

a is an equivalent vertical acceleration at the coupling depending on the type of suspension system of the rear axle of the towing vehicle.

For air suspension (or suspension systems with equivalent damping characteristics)

$$a = 1n8 \text{ m/s}^2$$

For other types of suspension:

$$a = 2n4 \text{ m/s}^2$$

X is the length of the loading area of the trailer, in metres (see Figure 1)

L is the distance from the centre of the drawbar eye to the centre of the axle assembly, in metres (see Figure 1)

Note: $(X^2 / L^2) \geq 1,0$

(If less than 1,0, the value of 1,0 shall be used)

Figure 1

Dimensions of the centre axle trailer



2.12. Symbols and definitions used in annex 6 of this Regulation.

A_v = maximum permitted axle mass of the steered axle in tonnes.

C = mass of centre axle trailer in tonnes — see paragraph 2.11.1. of this Regulation.

D = D value in kN — see paragraph 2.11.1. of this Regulation.

D_c = D_c value in kN for centre axle trailers — see paragraph 2.11.1. of this Regulation.

([1]) The mass T and R and the technically permissible maximum mass, may be greater than the permissible maximum mass prescribed by national legislation.

R = mass of towed vehicle in tonnes — see paragraph 2.11.1. of this Regulation.

T = mass of towing vehicle in tonnes — see paragraph 2.11.1. of this Regulation.

Fa = static lifting force in kN.

F_h = horizontal component of test force in longitudinal axis of vehicle in kN.

F_s = vertical component of test force in kN.

S = static vertical mass in kg.

U = fifth wheel imposed vertical mass in tonnes.

V = V-value in kN — see paragraph 2.11.4. of this Regulation.

a = equivalent vertical acceleration factor at the coupling point of centre axle trailers depending on the type of suspension of the rear axle(s) of the towing vehicle — see paragraph 2.11.4. of this Regulation.

e = longitudinal distance between the coupling point of coupling balls which can be dismantled and the vertical plane of the fixing points (see Figures 20c to 20f) in mm.

f = vertical distance between the coupling point of coupling balls which can be dismantled and the horizontal plane of the fixing points (see Figures 20c to 20f) in mm.

g = acceleration due to gravity, assumed as 9,81 m/s2.

L = theoretical drawbar length between the centre of the drawbar eye and the centre of the axle assembly in metres.

X = length of the loading area of a centre axle trailer in metres.

Subscripts:

O = maximum test force

U = minimum test force

a = static force

h = horizontal

p = pulsating

res = resultant

s = vertical

w = alternating force

2.13. „Centre axle trailer" means a trailer having a drawbar which cannot move in a vertical plane independent of the trailer and having an axle or axles positioned close to the centre of gravity of the trailer, when uniformly loaded. The vertical load imposed on the coupling of the towing vehicle shall not exceed 10 per cent of the maximum mass of the trailer, or 1 000 kg, whichever is the lesser. The maximum mass of the centre axle trailer means the total mass transmitted to the ground by the axle or axles of the trailer when coupled to a towing vehicle and when loaded to the technically permissible maximum mass ([1]).

2.14. „Positive mechanical engagement" means that the design and geometry of a device and its component parts shall be such that it will not open or disengage under the action of any forces or components of forces to which it is subject during normal use or testing.

2.15. „Vehicle type" means vehicles which do not differ in such essential respects as the structure, dimensions, shape and materials in areas to which the mechanical coupling device or component is affixed. This applies to both the towing vehicle and trailer.

3. APPLICATION FOR APPROVAL OF A MECHANICAL COUPLING DEVICE OR COMPONENT

3.1. The application for approval shall be submitted by the holder of the trade name or mark or by his duly accredited representative.

3.2. For each type of mechanical coupling device or component the application shall be accompanied by the following information, for example, by means of the Communication form given in annex 1:

3.2.1. details of all manufacturer's or supplier's trade names or marks to be applied to the coupling device or component;

3.2.2. three sets of drawings which are sufficiently detailed to define the device or component and which specify how it is to be fitted to the vehicle; the drawings shall show the position and space provided for the approval number and other marking as given in paragraph 7.;

([1]) The technically permissible mass may be greater than the maximum permissible mass prescribed by national legislation.

3.2.3. a statement of the values of D, Dc, S, V and U as applicable and as defined in paragraph 2.11.

For Class A towing brackets a statement of the maximum permissible towing vehicle and trailer masses and the maximum permissible static vertical imposed load on the tow ball as advised by the manufacturer of the towing vehicle;

3.2.3.1. The characteristic values shall be at least equal to those applicable to the maximum permissible towing vehicle, trailer and combination masses.

3.2.4. a detailed technical description of the device or component, specifying, in particular, the type and the materials used;

3.2.5. restrictions on the vehicles to which the coupling may be fitted — see annex 1, paragraph 12 and annex 5, paragraph 3.4.;

3.2.6. one sample, plus additional samples as requested by the type approval authority or technical service;

3.2.7. all samples shall be fully finished with the final surface treatment applied. However, if the final treatment is by painting or epoxy powder coating, this should be omitted;

3.2.8. in the case of a mechanical coupling device or component designed for a specific vehicle type, the manufacturer of the device or component shall also submit the installation data given by the vehicle manufacturer. The approval authority or technical service may also request that a vehicle representative of the type be submitted.

4. GENERAL REQUIREMENTS FOR MECHANICAL COUPLING DEVICES OR COMPONENTS

4.1. Each sample shall conform to the dimensional and strength specifications set out in annexes 5 and 6. Following the tests specified in annex 6 there shall not be any cracks, fractures or any excessive permanent distortion which would be detrimental to the satisfactory operation of the device or component.

4.2. All parts of the mechanical coupling device or component whose failure could result in separation of the vehicle and trailer shall be made of steel. Other materials may be used provided that equivalence has been demonstrated by the manufacturer to the satisfaction of the type approval authority or technical service of the Contracting Party applying this Regulation.

4.3. The mechanical coupling devices or components shall be safe to operate and coupling and uncoupling shall be possible by one person without the use of tools. With the exception of Class T couplings only devices which allow automatic coupling shall be allowed for the coupling of trailers having a maximum technically permissible mass greater than 3,5 tonnes.

